# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 426

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

9 ta’ Novembru 2022


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2022/C 426/01 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Qafas Temporanju ta’ Kriżi għall-miżuri ta’ Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja ..... 1

2022/C 426/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10950 — OTPP / MAHINDRA / MSPL) [1] ..... 35


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il–Kunsill**


2022/C 426/03 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2186, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 ..... 36

2022/C 426/04 Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta’ tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ..... 38

2022/C 426/05 Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2178, u fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2177 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma ..... 39

2022/C 426/06 Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma ..... 40


MT

[1] Test b’rilevanza għaż-ŻEE.

### Il-Kummissjoni Ewropea


2022/C 426/07 Rata tal-kambju tal-euro — It-8 ta' Novembru 2022 ..... 41


### Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data


2022/C 426/08 Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar flussi transfruntiera ta' *data* fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika *(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS https://edps.europa.eu)* ..... 42


INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI


2022/C 426/09 Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ..... 44

2022/C 426/10 Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ..... 46

2022/C 426/11 Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ..... 48


## Rettifika


2022/C 426/12 Rettifika għal Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: — 2,00 % fl-1 ta' Novembru 2022 — Rata tal-kambju tal-euro (ĠU C 421, 4.11.2022) ... 50

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja**

(2022/C 426/01)

### 1. AGGRESSJONI KONTRA L-UKRAJNA MIR-RUSSJA, L-EFFETT TAGĦHA FUQ L-EKONOMIJA TAL-UE U L-ĦTIEĠA GĦAL MIŻURI TEMPORANJI GĦAL GĦAJNUNA MILL-ISTAT TA' APPOĠĠ

(1) Fit-22 ta' Frar 2022, ir-Russja rrikonoxxiet, illegalment, iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk fl-Ukrajna bħala entitajiet indipendenti. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea (UE) u s-sħab internazzjonali rreaġixxew immedjatament għall-ksur serju tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna billi imponew miżuri restrittivi (sanzjonijiet). Ġew imposti wkoll sanzjonijiet kontra l-Belarussja, minħabba r-rwol tagħha fl-iffaċilitar tal-aggressjoni militari tar-Russja. Ġew adottati aktar miżuri matul il-ġimgħat li segwew u oħrajn jistgħu jiġu adottati skont kif tevolvi s-sitwazzjoni. Ir-Russja ddeċidiet li tieħu ċerti kontromiżuri ekonomiċi restrittivi ([1]) min-naħa tagħha.

(2) L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, is-sanzjonijiet imposti u l-kontromiżuri meħuda, pereżempju mir-Russja, se jkollhom riperkussjonijiet ekonomiċi fuq is-suq intern kollu. L-impriżi fl-UE jistgħu jiġu affettwati b'diversi modi, kemm direttament kif ukoll indirettament. Dan jista' jieħu l-forma ta' tnaqqis fid-domanda, interruzzjoni ta' kuntratti u proġetti eżistenti, bit-telf konsegwenti ta' fatturat, interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista, b'mod partikolari tal-materja prima u tal-preprodotti, jew inputs oħra li ma jibqgħux disponibbli jew li jsiru ekonomikament mhux affordabbli.

(3) L-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna rriżultat fi tfixkil tal-ktajjen tal-provvista għall-importazzjonijiet tal-UE mill-Ukrajna għal ċerti prodotti, speċjalment iċ-ċereali u ż-żjut veġetali, kif ukoll għall-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Ukrajna. Is-suq tal-enerġija ntlaqat b'mod sinifikanti b'żidiet fil-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass fl-UE. Il-probabbiltà ta' aggressjoni militari mir-Russja kontra l-Ukrajna diġà kellha effetti fuq is-suq tal-enerġija fil-ġimgħat ta' qabel l-aggressjoni fiżika. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija għandhom impatt fuq diversi setturi ekonomiċi, inklużi xi wħud minn dawk li ntlaqtu b'mod partikolari mill-pandemija tal-COVID-19, bħat-trasport u t-turiżmu. L-impatt inħass ukoll fuq is-swieq finanzjarji, b'mod partikolari bi tħassib dwar il-likwidità u l-volatilità tas-suq fil-kummerċ tal-komoditajiet. L-aggressjoni militari mir-Russja kontra l-Ukrajna wasslet ukoll għal spostament kbir ta' ċittadini Ukreni kemm internament kif ukoll f'pajjiżi ġirien, b'influss ta' refuġjati bla preċedent fl-UE, b'konsegwenzi umanitarji u ekonomiċi kbar.

([1]) Pereżempju, fis-6 ta' Marzu 2022, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa adotta d-Digriet Nru 299 Emenda tal-paragrafu 2 tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lid-destinatarju tal-privattiva meta jiġi deċiż dwar l-użu tal-invenzjoni, il-mudell ta' utilità, id-deċiżjoni dwar l-użu tal-invenzjoni, mingħajr il-kunsens tiegħu, u l-proċedura għall-ħlas tiegħu. Din l-emenda tipprevedi li ma jkun hemm "l-ebda kumpens għall-użu ta' invenzjoni, mudell ta' utilità jew disinn industrijali tad-"detenturi tal-privattivi" minn Stati barranin li jwettqu "atti mhux amikevoli".

(4) Il-kriżi ġeopolitika kkawżata mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed ikollha wkoll impatt partikolarment sever fuq is-setturi tal-agrikoltura, tal-ipproċessar tal-ikel, tas-sajd u tal-akkwakultura. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jikkontribwixxu għal prezzijiet għoljin tal-fertilizzanti. Il-provvista tal-fertilizzanti hija affettwata wkoll minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' fertilizzanti mir-Russja u mill-Belarussja. Il-kriżi x'aktarx li jkollha konsegwenzi serji fuq il-provvista taċ-ċereali (b'mod partikolari l-qamħirrum u l-qamħ) u ż-żrieragħ żejtnin (ġirasol, żerriegħa tal-kolza) jew derivati tal-lamtu mill-Ukrajna u r-Russja lejn l-UE, li jwassal għal żieda qawwija fil-prezzijiet tal-għalf tal-bhejjem. L-impatt ikkombinat ta' dawk iż-żidiet fl-ispejjeż fl-enerġija, il-fertilizzanti, iċ-ċereali u ż-żjut jinħass l-aktar fit-trobbija tal-bhejjem ([2]). L-Ukrajna hija wkoll produttur u esportatur importanti ta' żjut veġetali (b'mod partikolari l-ġirasol), għalhekk iż-żidiet fil-prezzijiet għal dawk il-prodotti qed jaffettwaw lill-operaturi fis-settur tal-ipproċessar tal-ikel u qed iġegħluhom ifittxu alternattivi.

(5) It-tieni tħassib huwa l-impossibbiltà li l-prodotti tal-UE jkomplu jiċċirkolaw lejn l-Ukrajna u potenzjalment ukoll lejn ir-Russja u l-Belarussja minħabba s-sitwazzjoni tal-gwerra jew is-sanzjonijiet. Dan jaffettwa prinċipalment is-setturi tal-inbejjed u l-ispirti, tal-ikel ipproċessat (inkluż il-frott u l-ħxejjex ipproċessati), iċ-ċikkulata, il-ħlewwiet, l-ikel tat-trabi, u l-ikel tal-annimali domestiċi fil-każ tar-Russja, il-frott u l-ħxejjex fil-każ tal-Belarussja, u l-biċċa l-kbira tal-prodotti agrikoli fil-każ tal-Ukrajna.

(6) Is-sitwazzjoni hija aggravata miż-żieda qawwija fl-ispejjeż tal-produzzjoni, parzjalment minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-fertilizzanti tan-nitroġenu minħabba ż-żieda estrema fil-prezz tal-gass naturali, iżda wkoll minħabba l-użu dirett tal-enerġija fil-proċessi tal-produzzjoni agrikola. Peress li r-Russja u l-Belarussja huma produtturi u esportaturi importanti tat-tliet fertilizzanti ewlenin kollha (in-nitroġenu, il-fosforu, il-potassju), is-sanzjonijiet se jgħollu l-prezzijiet tal-fertilizzanti saħansitra aktar.

(7) Huwa f'dan l-isfond li l-Kummissjoni ddeċidiet li tadotta din il-Komunikazzjoni biex tispeċifika l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jirrimedjaw l-effetti ekonomiċi wara l-aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet li segwew, imposti mill-UE u s-sħab internazzjonali u l-kontromiżuri meħuda, pereżempju mir-Russja ([3]). Rispons ekonomiku kkoordinat tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE huwa kruċjali biex jittaffew ir-riperkussjonijiet negattivi soċjali u ekonomiċi immedjati fl-UE, biex jiġu ppreservati l-attivitajiet ekonomiċi u l-impjiegi, u biex jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti strutturali meħtieġa b'reazzjoni għas-sitwazzjoni ekonomika l-ġdida maħluqa mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna.

## 1.1. **Sanzjonijiet imposti mill-Unjoni Ewropea u mis-sħab internazzjonali**

(8) Wara l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea qabel dwar diversi pakketti ta' miżuri restrittivi.

([2]) L-Ukrajna hija r-raba' l-akbar fornitur estern tal-ikel tal-UE u fornitur ewlieni taċ-ċereali (52 % tal-importazzjonijiet tal-qamħirrum fl-UE, 19 % tal-qamħ artab), 23 % taż-żjut veġetali u 22 % taż-żrieragħ żejtnin (speċjalment iż-żerriegħa tal-kolza: 72 %). Il-prezzijiet globali tal-ikel diġà huma għoljin u xorta jistgħu jiżdiedu fid-dawl tas-sitwazzjoni.

([3]) Pereżempju, skont il-WIPO Global Brand Database, il-WIPO Global Designs Database, il-bażi tad-*data* PatentSight rispettivament, f'Marzu 2022, kien hemm madwar 150 000-il trademark, 2 000 disinn industrijali u 44 000 privattiva miżmuma minn ditti tal-UE fis-seħħ fir-Russja. Id-ditti tal-UE protetti fir-Russja jikkonċernaw prinċipalment is-setturi li ġejjin: il-farmaċewtika, il-kożmetiċi, il-karozzi, prodotti kimiċi u tal-konsum, il-moda u prodotti ta' lussu. Minħabba t-terminoloġija vaga tal-emenda tal-metodoloġija ta' kumpens li għandu jitħallas lill-benefiċjarju tal-privattiva bid-Digriet Nru 299 tas-6 ta' Marzu 2022 (ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna) adottat mill-Gvern Russu u l-esponiment ekonomiku tal-impriżi tal-UE u l-assi intanġibbli tagħhom miżmuma fir-Russja, tali kontromiżura jista' jkollha impatt potenzjalment wiesa' u dannuż fuq l-impriżi tal-UE.

(9) Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kunsill qabel dwar pakkett li jinkludi (i) sanzjonijiet immirati kontra t-351 membru tad-Duma tal-Istat Russu u 27 individwu addizzjonali, (ii) restrizzjonijiet fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi maż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tar-reġjuni ta' Donetsk u Luhansk tal-Ukrajna, u (iii) restrizzjonijiet fuq l-aċċess tar-Russja għas-swieq u s-servizzi kapitali u finanzjarji tal-UE ([4]).

(10) Fil-25 ta' Frar 2022, il-Kunsill qabel dwar aktar sanzjonijiet kontra r-Russja li jimmiraw lejn: (i) is-settur finanzjarju, (ii) is-setturi tal-enerġija, tal-ispazju u tat-trasport (l-avjazzjoni), (iii) l-oġġetti b'użu doppju, (iv) il-kontroll tal-esportazzjoni u l-finanzjament tal-esportazzjoni, (v) il-politika dwar il-viżi, u (vi) sanzjonijiet addizzjonali kontra individwi Russi u individwi oħra (inkluż il-Belarussi) ([5])

(11) Fit-28 ta' Frar 2022, il-Kunsill iddeċieda li jagħlaq l-ispazju tal-ajru Ewropew għall-inġenji tal-ajru Russi u adotta miżuri preventivi biex jiżgura li l-Bank Ċentrali Russu ma jkunx jista' juża r-riżervi internazzjonali tiegħu b'modi li jimmina l-impatt tal-miżuri meħuda ([6]). Il-Kunsill adotta wkoll sanzjonijiet addizzjonali kontra persuni Russi ([7]).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/259 tal-23 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/260 u 2022/261 tat-23 ta' Frar 2022 li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 3; ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 15); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/262 tat-23 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 74); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 77); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/264 tat-23 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 95); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 u 2022/267 tat-23 ta' Frar 2022 li jemendaw id-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 98; ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 114); u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42 I, 23.2.2022, p. 109).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/327 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 48, 25.2.2022, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/328 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 49, 25.2.2022, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 50, 25.2.2022, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/330 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 51, 25.2.2022, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/331 tal-25 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 52, 25.2.2022, p. 1); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/332 tal-25 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 53, 25.2.2022, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/333 tal-25 ta' Frar 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa (ĠU L 54, 25.2.2022, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/334 tat-28 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 57, 28.2.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/335 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 57, 28.2.2022, p. 4).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 58, 28 ta' Frar 2022, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 59, 28 ta' Frar 2022, p. 1).

(12) Fl-1 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta miżuri ulterjuri: (i) it-tneħħija ta' ċertu banek Russi mis-sistema ta' messaġġi SWIFT ([8]), (ii) miżuri kontra d-diżinformazzjoni mxerrda mill-midja tal-Istat Russu Russia Today u Sputnik ([9]).

(13) Fit-2 ta' Marzu 2022, minħabba r-rwol tagħha fl-iffaċilitar tal-aggressjoni militari, il-Kunsill iddeċieda li jintroduċi aktar sanzjonijiet kontra l-Belarussja relatati mal-kummerċ ta' oġġetti użati għall-produzzjoni jew il-manifattura ta' prodotti tat-tabakk, prodotti minerali, prodotti tal-klorur tal-potassju ("potassa"), prodotti tal-injam, prodotti tas-siment, prodotti tal-ħadid u tal-azzar, u prodotti tal-gomma. Ipprojbixxa wkoll l-esportazzjoni lejn il-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp militari, teknoloġiku, tad-difiża u tas-sigurtà tal-Belarussja, u l-esportazzjonijiet ta' makkinarju, flimkien ma' restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi relatati ([10]). Il-Kunsill adotta wkoll miżuri individwali kontra 22 individwu Belarussu ([11]).

(14) Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta miżuri addizzjonali mmirati lejn is-settur finanzjarju tal-Belarussja, inkluża projbizzjoni mis-SWIFT għal tliet banek Belarussi, projbizzjoni fuq tranżazzjonijiet mal-Bank Ċentrali tal-Belarussja, limiti fuq l-influssi finanzjarji mill-Belarussja lejn l-UE u projbizzjoni fuq il-forniment ta' karti tal-flus iddenominati f'euro lill-Belarussja ([12]). Il-Kunsill introduċa wkoll aktar miżuri restrittivi fir-rigward tal-esportazzjoni ta' oġġetti tan-navigazzjoni marittima u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni bir-radju lejn ir-Russja. Barra minn hekk, il-Kunsill impona miżuri restrittivi fuq 160 individwu addizzjonali ([13]). Fil-15 ta' Marzu 2022 ([14]), il-Kunsill qabel dwar aktar miżuri settorjali u individwali kontra r-Russja. Il-Kunsill iddeċieda b'mod partikolari li: (i) jipprojbixxi t-tranżazzjonijiet kollha ma' ċerti intrapriżi tal-Istat, (ii) jipprojbixxi l-forniment ta' kwalunkwe servizz ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, kif ukoll l-aċċess għal kwalunkwe servizz ta' abbonament fir-rigward ta' attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, lil kwalunkwe persuna jew entità Russa, (iii) jespandi l-lista ta' persuni konnessi mal-bażi industrijali u tad-difiża tar-Russja, li fuqhom huma imposti restrizzjonijiet aktar stretti fuq l-esportazzjoni fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib teknoloġiku tar-Russja fis-settur tad-difiża

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/345 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 63, 2.3.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/346 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 63, 2.3.2022, p. 5).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/350 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 65, 2.3.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/351 tal-1 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 65, 2.3.2022, p. 5).

([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/355 tat-2 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 67, 2.3.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/356 tat-2 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU L 67, 2.3.2022, p. 103).

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/345 tal-1 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 63, 2.3.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/354 tat-2 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 63, 2.3.2022, p. 5).

([12]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/398 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 82, 9.3.2022, p. 1).

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/394 tad-9 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 81, 9.3.2022, p. 1).

([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 87I, 15.3.2022, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 87I, 15.3.2022, p. 13).

u tas-sigurtà tagħha, (iv) jipprojbixxi investimenti ġodda fis-settur tal-enerġija Russu, u jintroduċi restrizzjoni komprensiva fuq l-esportazzjoni ta' tagħmir, teknoloġija u servizzi għall-industrija tal-enerġija, u (v) jintroduċi aktar restrizzjonijiet kummerċjali li jikkonċernaw il-ħadid u l-azzar, kif ukoll prodotti ta' lussu ([15]). Barra minn hekk, il-Kunsill iddeċieda li jissanzjona l-oligarki, il-lobbyists u l-propagandisti ewlenin Russi, kif ukoll kumpanniji ewlenin fis-setturi tal-avjazzjoni, militari u b'użu doppju, tal-bini tal-bastimenti u tal-bini tal-magni ([16]).

(15) Fit-3 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill adotta s-sitt pakkett ta' sanzjonijiet ([17]), fid-dawl tal-gwerra kontinwa tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-appoġġ tal-Belarussja għaliha, u l-atroċitajiet irrappurtati mwettqa mill-forzi armati Russi. Il-pakkett jinkludi: 1) projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet mir-Russja ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi raffinati, b'eċċezzjonijiet limitati; 2) projbizzjoni SWIFT għal tliet banek Russi addizzjonali u bank tal-Belarussja; u 3) sospensjoni tax-xandir fl-Unjoni għal tliet mezzi ta' komunikazzjoni oħra li huma proprjetà tal-Istat Russu. L-Unjoni adottat ukoll sanzjonijiet kontra 65 individwu u 18-il entità addizzjonali. Dawn jinkludu individwi responsabbli għall-atroċitajiet imwettqa f'Bucha u Mariupol.

(16) Fil-21 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta s-seba' pakkett, imsejjaħ ukoll "pakkett ta' manutenzjoni u allinjament" ([18]) li jikkonsisti mill-miżuri addizzjonali li ġejjin: 1) projbizzjoni fuq l-importazzjoni tad-deheb, 2) rekwiżiti ta' rappurtar imsaħħa għal individwi sanzjonati; 3) projbizzjonijiet immirati fuq l-esportazzjoni; 4) projbizzjoni fuq l-aċċess għall-port; 5) sanzjonijiet finanzjarji; 6) sigurtà tal-ikel u tal-enerġija; 7) eżenzjonijiet mediċi u farmaċewtiċi. L-Unjoni żiedet ukoll 54 individwu u 10 entitajiet fil-lista tal-iffriżar tal-assi.

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 87 I, 15.3.2022, p. 13), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/430 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 87 I, 15.3.2022, p. 56).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 87 I, 15.3.2022, p. 1), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU, L 87 I, 15 ta' Marzu 2022, p. 44).

([17]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/876 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 1); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/877 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 11); Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/878 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 15); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/879 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 53); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/880 tat-3 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 75); Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/881 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 77); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/882 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 88); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/883 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 92); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/884 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 128); Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/885 tat-3 ta' Ġunju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 153, 3.6.2022, p. 139).

([18]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1269 tal-21 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 193, 21.7.2022, p. 1), Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1270 tal-21 ta' Lulju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranitàu l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 193, 21.7.2022, p. 133), Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1271 tal-21 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 193, 21.7.2022, p. 196), Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1272 tal-21 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 193, 21.7.2022, p. 219).

(17) Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta t-tmien pakkett ta' sanzjonijiet li jikkonsisti mill-miżuri addizzjonali li ġejjin ([19]): 1) entrati ġodda fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal sanzjonijiet; 2) estensjoni tar-restrizzjonijiet għall-oblasts ta' Kherson u Zaporizhzhia; 3) restrizzjonijiet ġodda fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni; 4) l-implimentazzjoni tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt tal-G7; 5) restrizzjonijiet fuq intrapriżi tal-Istat; 6) restrizzjonijiet fuq servizzi finanzjarji, ta' konsulenza tal-IT u servizzi oħra ta' negozju; u 7) li jiskoraġġixxu ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet.

(18) F'kooperazzjoni mill-qrib mal-UE, ġew imposti wkoll sanzjonijiet minn sħab internazzjonali, b'mod partikolari l-Istati Uniti, ir-Renju Unit, il-Kanada, in-Norveġja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, l-Iżvizzera u l-Awstralja.

## 1.2. Impriżi u unitajiet domestiċi affettwati minn prezzijiet għoljin tal-gass u tal-elettriku jew minn interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija

(19) Il-kriżi attwali għolliet il-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku għal livelli għoljin mingħajr preċedent, ferm ogħla mil-livelli diġà elevati osservati fil-perjodu ta' qabel l-aggressjoni. L-użu intenzjonat tar-Russja tal-flussi tal-gass bħala arma ħoloq volatilità u inċertezza sinifikanti fis-swieq tal-enerġija tal-UE u dawk globali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ħadu bosta miżuri biex jindirizzaw il-prezzijiet għoljin u provvisti tal-enerġija siguri. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirreferi għas-sett ta' għodod li diġà ppreżentat f'Ottubru 2021 ([20]) ("il-Komunikazzjoni ta' Ottubru"), il-Komunikazzjoni REPowerEU tat-8 ta' Marzu 2022 ("il-Komunikazzjoni REPowerEU") ([21]) ([22]), il-Pjan REPowerEU ([23]) tat-18 ta' Mejju 2022, ir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass ([24]), il-Komunikazzjoni Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura ([25]) tal-20 ta' Lulju 2022, ir-Regolament (UE) 2022/1369 dwar miżuri kkoordinati għat-tnaqqis tad-

([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1903 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/263 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni, (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 1), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, (ĠU L259 I, 6.10.2022, p. 3), ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1905 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 76), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1906 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 79), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1907 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 98), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1908 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 118), id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L259I, 6.10.2022, p. 122).

([20]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2021) 660 final tat-13 ta' Ottubru 2021 – L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ.

([21]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2022) 108 final tat-8 ta' Marzu 2022 - REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli.

([22]) Permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1), il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri meta jintalbu jfasslu u jimplimentaw riformi mmirati biex jiżguraw enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli.

([23]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM/2022/230 final tat-18 ta' Mejju 2022 - REPowerEU.

([24]) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

([25]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2022) 360 final tal-20 ta' Lulju 2022 – "Niffrankaw il-Gass għal Xitwa Sikura".

domanda għall-gass ([26]) u r-Regolament (UE) 2022/1854 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ([27]). Fit-18 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar l-Emerġenzi tal-Enerġija ([28]) biex inħejju, nixtru u nipproteġu lill-UE flimkien. Flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ipproponiet regolament ġdid ta' emerġenza ([29]) biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-gass fl-UE u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għax-xitwa li ġejja. Dan se jsir permezz ta' xiri konġunt tal-gass, mekkaniżmi li jillimitaw il-prezzijiet fil-borża tal-gass TTF, miżuri ġodda dwar l-użu trasparenti tal-infrastruttura u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri, u l-isforzi kontinwi biex titnaqqas id-domanda għall-gass.

(20) Il-prezzijiet tal-enerġija għoljin ħafna qed jagħmlu ħsara lill-ekonomija kif ukoll lill-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli. Il-Bank Ċentrali Ewropew stima li l-PDG reali se jonqos b'0,1 % fl-aħħar tliet xhur tal-2022 u jibqa' l-istess fl-ewwel kwart tal-2023 prinċipalment minħabba l-impatt tal-interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija, inflazzjoni ogħla u t-tnaqqis fil-fiduċja relatat ([30]). L-issoktar tal-prezzijiet tal-enerġija għoljin x'aktarx li jżidu l-faqar u jaffettwaw il-kompetittività tan-negozji. B'mod partikolari, l-industriji intensivi fl-enerġija ħabbtu wiċċhom ma' spejjeż ogħla f'dik li hija manifattura. Dawn iż-żidiet fl-ispejjeż jistgħu f'ċerti każijiet ipoġġu f'dubju l-kontinwazzjoni tal-attività fl-UE ta' impriżi li altrimenti jkunu profittabbli, b'impatt sussegwenti probabbli fuq l-impjiegi.

(21) Is-sett ta' għodod ippreżentat mill-Kummissjoni f'Ottubru 2021 wera li kien utli, u ġie applikat b'mod estensiv minn ħafna Stati Membri li adottaw bosta miżuri fil-livell nazzjonali. Is-sett ta' għodod ġie estiż fir-rebbiegħa tal-2022 bil-Komunikazzjoni dwar interventi fis-suq fi żmien qasir u titjib fuq medda itwal ta' żmien fid-disinn tas-suq tal-elettriku ([31]).

(22) Il-Komunikazzjoni REPowerEU ppreżentat miżuri bħala rispons għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u għar-rifornimenti tal-istokkijiet tal-gass għax-xitwa u l-pjan REPowerEU ([32]) jistabbilixxi azzjonijiet biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-iffrankar tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika u biex jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija. L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika se tnaqqas l-emissjonijiet, tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati, u tħarisna miż-żidiet fil-prezzijiet. Ir-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass ([33]) stabbilixxa obbligi minimi ġodda għall-ħżin tal-gass biex tiġi żgurata l-provvista għax-xitwa li ġejja, u jirrikjedi li l-Istati Membri jimlew il-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass sal-1 ta' Novembru sa 80 % fl-2022 u sa 90 % sal-istess data fis-snin ta' wara.

(23) Hekk kif il-kriżi kompliet tamplifika r-riskji tas-sigurtà tal-provvista u tal-interruzzjonijiet, l-Unjoni bdiet tħejji għal tnaqqis fit-tul u possibbilment qtugħ totali tal-gass mir-Russja. Il-Pjan Ewropew ġdid għat-Tnaqqis tad-Domanda għall-Gass ([34]), jistabbilixxi miżuri, prinċipji u kriterji għal tnaqqis ikkoordinat tad-domanda u huwa akkumpanjat mir-Regolament (UE) 2022/1369 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass ([35]) li jistabbilixxi mira volontarja għat-tnaqqis tad-domanda għall-gass ta' 15 % fl-Istati Membri kollha u jintroduċi proċess biex jiskatta mira vinkolanti għat-tnaqqis tad-domanda jekk ikun meħtieġ.

([26]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).
([27]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).
([28]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM/2022/553 final tat-18 ta' Ottubru 2022 – L-Emerġenza tal-Enerġija – inħejju, nixtru u nipproteġu lill-UE flimkien.
([29]) Proposta għal Regolament tal-Kunsill, COM/2022/549 final tat-18 ta' Ottubru 2022 – Li jsaħħaħ is-solidarjetà permezz ta' koordinazzjoni aħjar tax-xiri tal-gass, tal-iskambji transfruntieri tal-gass u parametri referenzjarji affidabbli tal-prezzijiet.
([30]) Projezzjonijiet makroekonomiċi tal-persunal tal-BĊE għaż-żona tal-euro, Settembru 2022.
([31]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2022) 236 final tat-18 ta' Mejju 2022 - Interventi fis-Suq tal-Enerġija fi żmien qasir u Titjib fuq medda itwal ta' żmien fid-Disinn tas-Suq tal-Elettriku – pjan ta' azzjoni.
([32]) COM/2022/230 final, it-18 ta' Mejju 2022.
([33]) Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1938 u (KE) Nru 715/2009 fir-rigward tal-ħżin tal-gass (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).
([34]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, *Pjan Ewropew dwar it-Tnaqqis tad-Domanda għall-Gass*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2775/705563.
([35]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

(24) Fis-6 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2022/1854 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini u għan-negozji Ewropej. Fost l-oħrajn, ir-Regolament (UE) 2022/1854 jinkludi miżuri biex titnaqqas id-domanda għall-elettriku, li se jgħinu biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-elettriku għall-konsumaturi u biex jiġi ridistribwit is-surplus tas-settur tal-enerġija lill-klijenti finali.

## 1.3. Ħtieġa ta' koordinazzjoni Ewropea eqreb tal-miżuri nazzjonali ta' għajnuna

(25) L-applikazzjoni mmirata u proporzjonata tal-kontroll tal-UE tal-għajnuna mill-Istat sservi biex tiżgura li l-miżuri ta' appoġġ nazzjonali jkunu effettivi biex jgħinu lill-impriżi u lill-ħaddiema affettwati mill-kriżi attwali. Il-kontroll tal-UE tal-għajnuna mill-Istat jiżgura wkoll li s-Suq Intern tal-UE ma jkunx frammentat u li l-kundizzjonijiet jibqgħu ekwi. L-integrità tas-suq intern hija importanti biex tirreżisti l-pressjoni esterna u biex tevita tlielaq tas-sussidji, fejn l-Istati Membri aktar għonja jkunu jistgħu jonfqu aktar mill-ġirien għad-detriment tal-koeżjoni fl-Unjoni.

## 1.4. Miżuri xierqa ta' għajnuna mill-Istat

(26) Fl-isforz ġenerali tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-possibbiltajiet li l-Istati Membri għandhom skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiżguraw il-likwidità u l-aċċess għall-finanzi għall-impriżi, speċjalment l-SMEs li qed jiffaċċjaw sfidi ekonomiċi fil-kriżi attwali, u biex jinċentivaw tnaqqis fil-konsum tal-enerġija.

(27) Kif stabbilit fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru, il-miżuri li jibbenefikaw minnhom il-konsumaturi tal-enerġija mhux kummerċjali ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, sakemm ma jkunux ta' benefiċċju indirett għal settur jew impriża speċifika. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju jagħmlu pagamenti soċjali speċifiċi lil dawk l-aktar f'riskju li jkunu jistgħu jgħinuhom jaffordjaw il-kontijiet tal-enerġija tagħhom fi żmien qasir jew jipprovdu appoġġ għal titjib fl-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jiżguraw funzjonament effettiv tas-suq.

(28) Miżuri mmirati lejn konsumaturi kummerċjali tal-enerġija ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat, sakemm tali miżuri jkunu ta' natura ġenerali. Tali miżuri mhux selettivi jistgħu, pereżempju, jieħdu l-forma ta' tnaqqis ġenerali fit-taxxi jew fl-imposti, rata mnaqqsa għall-provvista ta' gass naturali, elettriku jew tisħin distrettwali jew spejjeż imnaqqsa tan-network. Safejn l-interventi nazzjonali jikkwalifikaw bħala għajnuna, dawn jistgħu jitqiesu kompatibbli mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jekk jissodisfaw ċerti rekwiżiti. Pereżempju, għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali armonizzati li jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni u r-regoli stabbiliti fid-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija ([36]) u li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tista' tiġi implimentata mill-Istati Membri mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni.

(29) Fir-rigward tat-taqsimiet 2.1 u 2.4 ta' din il-Komunikazzjoni, l-għajnuna tista' tingħata direttament lill-benefiċjarju finali jew titwassal permezz ta' fornitur tal-enerġija. Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' fornitur tal-enerġija, l-Istat Membru jrid juri li huwa jopera mekkaniżmu li jippreserva l-kompetizzjoni bejn il-fornituri u li jiżgura li l-għajnuna tiġi mgħoddija lill-benefiċjarju finali.

(30) Il-Kummissjoni tqis li ċerti ħtiġijiet finanzjarji jistgħu jeħtieġu għodod differenti minn dawk koperti mit-taqsimiet 2.1, 2.2 u 2.3 ta' din il-Komunikazzjoni. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta l-kriżi attwali twassal mhux biss għal ħtiġijiet ta' likwidità iżda wkoll għal telf konsiderevoli li jista' jdgħajjef il-kapaċità tal-benefiċjarju li jħallas id-dejn tiegħu u twasslu biex iħares lejn ħtiġijiet ta' solvenza. F'każijiet fejn ammonti kbar ta' għajnuna jingħataw lil benefiċjarji individwali u fejn il-kapaċità ta' dawk il-benefiċjarji li jagħmlu tajjeb għad-dejn tagħhom, abbażi tal-kapaċità ta' qligħ tagħhom fil-passat, tidher li hija ta' sfida, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jitolbu informazzjoni mill-benefiċjarji dwar il-kapaċità prevista tagħhom ta' qligħ futur biex ikomplu jħallsu d-dejn, bl-għan li jiġi vvalutat jekk l-użu ta' għodod differenti, bħall-appoġġ għas-solvenza, jistax ikun jew jistax isir aktar adegwat biex jindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji tagħhom.

([36]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

(31) F'ċirkostanzi speċifiċi ([37]), l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li impriżi affettwati serjament mill-kriżi attwali jeħtieġu appoġġ għas-solvenza li ma jistax jiġi pprovdut b'mod suffiċjenti permezz ta' sorsi privati biss. Jekk, mingħajr tali appoġġ għas-solvenza, l-impriżi jispiċċaw iwaqqfu jew inaqqsu l-operazzjonijiet bir-riskju li jiġu mhedda s-swieq tal-enerġija jew swieq oħra li huma ta' importanza sistemika għall-ekonomija (jew għas-sigurtà u r-reżiljenza tas-suq intern), tali appoġġ għas-solvenza jista' jitqies kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE.

(32) Il-Kummissjoni tqis il-prinċipji ġenerali li ġejjin bħala partikolarment rilevanti fil-valutazzjoni każ b'każ meħtieġa:

a. l-għajnuna trid tkun meħtieġa, xierqa u proporzjonata ([38]) biex jiġi evitat ħruġ f'daqqa mis-suq ta' impriżi bħal dawn u fi kwalunkwe każ ma tridtx taqbeż il-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tagħhom;

b. kumpanija li tappartjeni jew li tkun qed tiġi akkwistata minn grupp kummerċjali akbar ma hijiex eliġibbli għall-għajnuna, ħlief fejn jista' jintwera li d-diffikultajiet tal-kumpanija mhumiex ir-riżultat ta' allokazzjoni arbitrarja tal-isejjeż fi ħdan il-grupp, u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex jiġu indirizzati mill-grupp innifsu. F'każijiet bħal dawn, tipikament tkun meħtieġa kontribuzzjoni sostanzjali mill-grupp għall-ispejjeż tal-miżura ta' solvenza;

c. l-għajnuna mill-Istat trid tingħata fuq termini li jagħtu lill-Istat remunerazzjoni raġonevoli bħal sehem xieraq ta' qligħ futur fil-valur tal-benefiċjarju, fid-dawl tal-ammont ta' ekwità tal-Istat injettat meta mqabbel mal-ekwità li jifdal tal-kumpanija wara li t-telf, inkluż it-telf prevedibbli mingħajr il-miżura ta' għajnuna, ikun ġie kkunsidrat;

d. meta l-għajnuna tieħu l-forma ta' dejn subordinat jew strumenti kapitali ibridi oħra, ir-remunerazzjoni kumplessiva ta' tali strumenti trid tqis b'mod adegwat il-karatteristiċi tal-istrument magħżul, inkluż il-livell ta' subordinazzjoni tiegħu u l-modalitajiet kollha ta' pagament;

e. se jkunu meħtieġa miżuri xierqa ta' kompetizzjoni konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-2014 dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar ([39]). Abbażi tal-ispeċifiċitajiet ta' kull każ potenzjali u x-xenarju kompetittiv rilevanti, jistgħu jkunu meħtieġa wkoll ċessjonijiet ta' assi bħala miżura kumpensatorja. Barra minn hekk, se jkunu meħtieġa miżuri ta' mġiba, inklużi impenji li jiżguraw projbizzjoni effettiva fuq pagamenti ta' bonus jew pagamenti varjabbli oħra, pagamenti ta' dividendi, u akkwiżizzjonijiet;

f. għal kull benefiċjarju, l-Istati Membri jridu jwettqu valutazzjoni tal-vijabbiltà fit-tul u, fejn jitqies xieraq mill-Kummissjoni, jinnotifikaw lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ta' pjan ta' ristrutturar skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar f'perjodu ta' żmien speċifikat.

(33) L-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw, b'mod mhux diskriminatorju, l-istabbiliment ta' rekwiżiti relatati mal-protezzjoni ambjentali jew mas-sigurtà tal-provvista għall-għoti ta' għajnuna skont it-taqsima 2.4 ta' din il-Komunikazzjoni. Dan jista', pereżempju, jieħu l-forom li ġejjin ([40]):

a. Il-ħtieġa li l-benefiċjarju jissodisfa ċertu sehem tal-ħtiġijiet tal-konsum tal-enerġija minn enerġiji rinnovabbli, pereż. permezz ta' ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli jew investimenti diretti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli;

b. Il-ħtieġa ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija meta mqabbel mal-output ekonomiku eż. permezz ta' konsum imnaqqas għall-proċessi tal-produzzjoni, it-tisħin jew it-trasport, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet mill-verifiki tal-enerġija mwettqa skont l-Artikolu 8(2) jew (4) u l-Anness VI tad-Direttiva 2012/27/UE;

([37]) L-intervent jeħtieġ li jkun limitat għal sitwazzjonijiet fejn ikun fl-interess komuni li jsir intervent.

([38]) Fil-prinċipju, l-għajnuna tkun proporzjonata jekk ma tmurx lil hinn mir-restawr tal-istruttura kapitali tal-benefiċjarju għal dik ta' qabel il-kriżi kkawżata mill-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja. Fil-valutazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna, se titqies l-għajnuna mill-Istat riċevuta jew ippjanata fil-kuntest tal-kriżi attwali, u b'mod partikolari l-għajnuna pprovduta skont din il-Komunikazzjoni.

([39]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

([40]) L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu użu mill-possibbiltajiet għall-għoti ta' għajnuna approvati skont il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija (CEEAG 2022), b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġiji rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika jew miżuri oħra ta' dekarbonizzazzjoni.

c. Il-ħtieġa ta' investimenti biex jitnaqqas jew jiġi diversifikat il-konsum tal-gass naturali, pereż. permezz ta' miżuri ta' elettrifikazzjoni bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew soluzzjonijiet ċirkolari bħall-użu mill-ġdid tal-gassijiet ta' skart;

d. Il-ħtieġa tal-flessibilizzazzjoni tal-investimenti, biex jiġu ffaċilitati adattamenti aħjar tal-proċessi tan-negozju għas-sinjali tal-prezzijiet fis-swieq tal-elettriku.

(34) L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti eċċezzjonali skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Tali għajnuna mill-Istat immirata lejn il-mitigazzjoni tal-ħsara kkawżata direttament mill-okkorrenzi attwali u eċċezzjonali tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna tista' tkopri wkoll ċerti effetti diretti tas-sanzjonijiet ekonomiċi imposti jew tal-kontromiżuri li jaffettwaw b'mod negattiv lill-benefiċjarju fl-operat tal-attività ekonomika tiegħu jew f'parti speċifika u separabbli tal-attività ekonomika tiegħu.

(35) Il-ħsara kkawżata direttament minn tnaqqis obbligatorju fil-konsum tal-gass naturali jew l-elettriku li jista' jkollu jiġi impost mill-Istati Membri tista' tiġi vvalutata skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE, dment li ma jkunx hemm kumpens żejjed.

(36) L-Istati Membri jridu jinnotifikaw dawn il-miżuri ta' għajnuna u l-Kummissjoni se tivvalutahom direttament skont l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE. Din l-għajnuna tista' tingħata lil impriżi f'diffikultà.

(37) F'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1369 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass ([41]), l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw miżuri xierqa biex jinċentivaw tnaqqis volontarju fid-domanda għall-gass naturali. Fejn l-Istati Membri jipprevedu li jintroduċu inċentivi bħal dawn fil-kuntest tal-kriżi attwali, il-Kummissjoni se tivvaluta dawk il-miżuri direttament skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE. Filwaqt li dan se jirrikjedi valutazzjoni każ b'każ, il-Kummissjoni tqis l-elementi li ġejjin bħala partikolarment rilevanti:

a. l-użu ta' proċess kompetittiv ibbażat fuq kriterji trasparenti biex jiġu kkuntrattati volumi għal tnaqqis volontarju fid-domanda;

b. in-nuqqas ta' kwalunkwe restrizzjoni formali minn fuq il-kummerċ jew mill-flussi transfruntiera;

c. il-limitazzjoni tal-inċentivi kkonċernati biex ikun hemm tnaqqis fid-domanda fil-futur li jmorru lil hinn minn dak li l-benefiċjarju kieku kien jagħmel irrispettivament mill-miżura;

d. tnaqqis immedjat fid-domanda tal-gass finali aggregata fl-Istat Membru kkonċernat filwaqt li jiġi evitat sempliċi spostament tad-domanda għall-gass naturali.

(38) L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll miżuri biex jinċentivaw il-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass sakemm is-suq ma jipprovdix inċentivi biex isir dan b'mod xieraq. Meta l-Istati Membri jipprevedu l-għoti ta' inċentivi għall-mili tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-gass fil-kuntest tal-kriżi attwali, il-Kummissjoni se tivvalutahom direttament skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE ([42]). Filwaqt li dan se jirrikjedi valutazzjoni każ b'każ, il-Kummissjoni tqis l-elementi li ġejjin bħala partikolarment rilevanti:

a. l-użu ta' proċess kompetittiv ibbażat fuq kriterji trasparenti biex tiġi minimizzata l-għajnuna;

b. in-nuqqas ta' kwalunkwe restrizzjoni għall-kummerċ jew il-flussi transfruntiera;

c. il-preżenza ta' salvagwardji biex jiġi evitat kumpens żejjed;

d. il-konformità mal-obbligi u l-kundizzjonijiet għall-mili u l-inċentivar tal-ħżin tal-gass stabbiliti fl-Artikolu 6a sal-Artikolu 6d tar-Regolament (UE) 2017/1938 ([43]), b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-miżuri ta' appoġġ stabbiliti fl-Artikolu 6b, il-paragrafi (2) u (3).

([41]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

([42]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2022 dwar SA.103012 (2022/NN) - Miżura ta' inċentiv għall-ħżin tal-gass naturali fil-faċilità ta' ħżin ta' Bergermeer għall-perjodu ta' tishin li jmiss.

([43]) Kif emendat bir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-29 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

(39) Il-Kummissjoni se tikkunsidra, fuq bażi ta' każ b'każ, għajnuna possibbli meħtieġa, proporzjonata u xierqa, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Insalvaw il-gass għal xitwa sikura" ([44]) u l-pjanijiet ta' emerġenza għas-sigurtà nazzjonali tal-gass tal-provvista, sabiex jiġu adattati l-faċilitajiet li se jikkontribwixxu għas-sostituzzjoni tal-gass, għal perjodu limitat ta' żmien, b'karburant tal-karbonju ieħor li jniġġes aktar. Kwalunkwe fjuwil tal-karbonju alternattiv bħal dan irid ikollu l-inqas kontenut ta' emissjonijiet possibbli, filwaqt li l-għajnuna jenħtieġ li tkun soġġetta għal sforzi ta' effiċjenza enerġetika u tevita effetti ta' intrappolament lil hinn mill-kriżi, f'konformità mal-objettivi klimatiċi tal-UE. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu mmirati kemm biex inaqqsu l-konsum tal-gass b'mod preventiv kif ukoll biex jirrispondu għat-tnaqqis mandatorju fid-domanda għall-gass naturali, sakemm ma jkunx hemm forom oħra ta' kumpens ([45]).

(40) Fid-dawl tal-isfidi għat-trasport ta' oġġetti lejn u mill-Ukrajna, il-Kummissjoni se tikkunsidra fuq bażi ta' każ b'każ għajnuna possibbli għall-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti lejn u mill-Ukrajna. Fost affarijiet oħra, l-Istati Membri se jkollhom juru li l-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni mhumiex disponibbli jew li mhumiex disponibbli b'rati li huma sostanzjalment ogħla minn qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

(41) It-trasport tar-refuġjati u l-materjal umanitarju fil-prinċipju ma jaqax taħt ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, sakemm l-Istat ikun qed jaġixxi fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi (għall-kuntrarju tat-twettiq ta' attività ekonomika) u sakemm is-servizzi tat-trasport ma jinxtrawx f'livell ogħla mill-prezz tas-suq.

(42) L-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri skont din il-Komunikazzjoni lill-impriżi, li tingħadda minn istituzzjoni ta' kreditu bħala intermedjarji finanzjarji, għandha tibbenefika direttament lil dawn l-impriżi. Madankollu, tista' tagħti vantaġġ indirett lill-intermedjarji finanzjarji. Madankollu, bis-salvagwardji tat-taqsimiet 2.2 u 2.3, tali vantaġġi diretti ma għandhomx l-għan li jippreservaw jew jirrestawraw il-vijabbiltà, il-likwidità jew is-solvenza tal-istituzzjonijiet tal-kreditu. B'riżultat ta' dan, tali għajnuna ma tikkwalifikax bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek - Bank Recovery and Resolution Directive, BRRD) ([46]) jew skont ir-Regolament (UE) 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni - ir-Regolament SRM, Single Resolution Mechanism) ([47]), u ma tkunx ivvalutata skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-settur bankarju ([48]).

(43) L-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lil istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE biex tikkumpensa għall-ħsara diretta mġarrba bħala riżultat tal-kriżi attwali, li ma għandhiex l-għan li tippreserva jew tirrestawra l-vijabbiltà, il-likwidità jew is-solvenza ta' istituzzjoni jew entità ma tkunx ikkwalifikata bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja skont il-BRRD u lanqas skont ir-Regolament SRM, u lanqas ma tiġi vvalutata skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għas-settur bankarju ([49]).

([44]) COM(2022) 360/2, tal-20 ta' Lulju 2022.

([45]) Eżempju fil-kuntest tal-ġenerazzjoni tal-enerġija hija d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2022 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.103662(2022/N) – il-Ġermanja – Riżerva temporanja għall-provvista tal-enerġija tal-linjite biex jiġi ffrankat il-gass.

([46]) ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ara l-Artikolu 2(1)(28) tal-BRRD.

([47]) ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ara l-Artikolu 3(1)(29) tar-Regolament SRM.

([48]) Il-Komunikazzjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux mistħoqqa (ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament ta' assi indeboliti fis-settur finanzjarju tal-Komunità (ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1); Komunikazzjoni dwar ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 329, 7.12.2010, p. 7); Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2012, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 356, 6.12.2011, p. 7); u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("Komunikazzjoni Bankarja tal-2013") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

([49]) Kwalunkwe miżura ta' appoġġ għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li ma taqax taħt din il-Komunikazzjoni trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u se tiġi vvalutata skont ir-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat.

(44) Jekk minħabba l-kriżi attwali u s-sanzjonijiet imposti b'rabta ma' din l-aggressjoni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jeħtieġu appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju (ara l-Artikolu 2(1)(28) tal-BRRD u l-Artikolu 3(1)(29) tar-Regolament SRM) fil-forma ta' likwidità, rikapitalizzazzjoni jew miżura ta' assi indeboliti, irid jiġi vvalutat jekk il-miżura tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 32(4)(d) (i), (ii) jew (iii) tal-BRRD u l-Artikolu 18(4)(d) (i), (ii) jew (iii) tar-Regolament SRM. Fil-każ li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-aħħar, l-istituzzjoni ta' kreditu li jirċievi tali għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ma jitqiesx li jkun qiegħed ifalli jew li x'aktarx ifalli.

(45) Sa fejn tali miżuri jindirizzaw problemi marbuta mal-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja u s-sanzjonijiet imposti b'rabta ma' din l-aggressjoni, dawn jitqiesu li jaqgħu fil-punt 45 tal-Komunikazzjoni Bankarja tal-2013 ([50]), li tistabbilixxi eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-kondiviżjoni tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-kredituri subordinati.

(46) L-għajnuna mogħtija skont din il-Komunikazzjoni ma għandhiex tkun bil-kundizzjoni tar-rilokazzjoni ta' attività tal-produzzjoni jew ta' attività tal-benefiċjarju minn pajjiż ieħor fiż-ŻEE lejn it-territorju tal-Istat Membru li jagħti l-għajnuna. Jidher li din il-kundizzjoni tkun ta' ħsara partikolari għas-suq intern. Dan huwa irrispettivament mill-għadd ta' telf ta' impjiegi li fil-fatt seħħ fl-istabbiliment inizjali tal-benefiċjarju fiż-ŻEE.

(47) L-għajnuna f'din il-Komunikazzjoni ma għandhiex tingħata lil impriżi taħt sanzjonijiet adottati mill-UE, inklużi iżda mhux limitati għal:

a. persuni, entitajiet jew korpi speċifikament imsemmija fl-atti legali li jimponu dawk is-sanzjonijiet;

b. impriżi li huma proprjetà ta' persuni, entitajiet jew korpi jew ikkontrollati minnhom fil-mira ta' sanzjonijiet adottati mill-UE; jew

c. impriżi attivi f'industriji fil-mira ta' sanzjonijiet adottati mill-UE, sa fejn l-għajnuna ddgħajjef l-objettivi tas-sanzjonijiet rilevanti.

## 1.5. **L-applikabbiltà tal-Artikolu 107(3)(b)tat-TFUE**

(48) Skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE l-Kummissjoni tista' tiddikjara li għajnuna li "tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta' Stat Membru" tkun kompatibbli mas-suq intern. F'dan il-kuntest, il-qrati tal-Unjoni ddeċidew li t-taħwid irid ikun jaffettwa l-ekonomija kollha kemm hi jew inkella lil parti importanti tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat, u mhux biss l-ekonomija ta' wieħed mir-reġjuni tiegħu jew ta' partijiet mit-territorju tiegħu. Barra minn hekk, dan huwa konformi mal-ħtieġa ta' interpretazzjoni stretta ta' kwalunkwe dispożizzjoni eċċezzjonali bħall-Artikolu 107(3)(b) tat-TFUE ([51]). Il-Kummissjoni applikat din l-interpretazzjoni b'mod konsistenti fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha ([52]).

(49) Il-Kummissjoni tqis li l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, is-sanzjonijiet imposti mill-UE jew is-sħab internazzjonali tagħha u l-kontromiżuri meħuda, pereżempju mir-Russja ħolqu inċertezzi ekonomiċi sinifikanti, fixklu l-flussi kummerċjali u l-ktajjen tal-provvista u wasslu għal żidiet eċċezzjonalment kbar u mhux mistennija fil-prezzijiet, speċjalment fil-gass naturali u l-elettriku, iżda wkoll f'bosta fatturi oħra ta' input u materja prima u prodotti primarji, inkluż fis-settur agroalimentari. Dawn l-effetti flimkien ikkawżaw tfixkil serju tal-ekonomija fl-Istati Membri kollha. L-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u ż-żieda fl-inċertezza għandhom effetti diretti jew indiretti li jaffettwaw ħafna setturi. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew jaffettwaw prattikament kull attività ekonomika f'kull Stat Membru. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha huma affettwati minn tfixkil ekonomiku serju. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kriterji għall-valutazzjoni ta' miżuri tal-għajnuna mill-Istat li l-Istati Membri jistgħu jieħdu biex jirrimedjaw dan it-tfixkil serju.

---

([50]) Kif iddefinit fin-nota f'qiegħ il-paġna 48.

([51]) Il-Kawżi Magħquda T-132/96 u T-143/96 Freistaat Sachsen u oħrajn vs il-Kummissjoni, ECLI:EU:T:1999:326, il-paragrafu 167.

([52]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/490/KE fil-Każ C 47/96 Crédit Lyonnais (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 28), il-punt 10.1; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/345/KE fil-Każ C 28/02 Bankgesellschaft Berlin (ĠU L 116, 4.5.2005, p. 1), il-punti 153 et seq.; u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/263/KE fil-Każ C 50/06 BAWAG (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 7), punt 166. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża NN 70/07 Northern Rock (ĠU C 43, 16.2.2008, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża NN 25/08 Għajnuna ta' salvataġġ lil Risikoabschirmung WestLB (ĠU C 189, 26.7.2008, p. 3); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 9/08 SachsenLB (ĠU L 104, 24.4.2009, p. 34); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ġunju 2017 fil-każ SA.32544 (2011/C) Ristrutturar ta' TRAINOSE S.A (ĠU L 186, 24.7.2018, p. 25).

(50) L-għajnuna mill-Istat hija b'mod partikolari ġustifikata u tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, għal perjodu limitat, jekk isservi biex tirrimedja n-nuqqas ta' likwidità ffaċċjat minn impriżi li huma affettwati direttament jew indirettament mit-taqlib serju tal-ekonomija kkawżat mill-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, is-sanzjonijiet imposti mill-UE jew mis-sħab internazzjonali tagħha, kif ukoll il-kontromiżuri ekonomiċi meħuda mir-Russja.

(51) F'din il-Komunikazzjoni l-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kompatibbiltà li se tapplika fil-prinċipju għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri f'dan il-kuntest skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Għaldaqstant, l-Istati Membri jridu juru li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u li jidħlu fl-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni jkunu meħtieġa, xierqa u proporzjonati biex jirrimedjaw tfarbit serju fl-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat u li r-rekwiżiti kollha f'din il-Komunikazzjoni jiġu ssodisfatti.

(52) Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat notifikati u vvalutati skont din il-Komunikazzjoni huma maħsuba biex jappoġġaw impriżi attivi fl-UE li huma affettwati mill-aggressjoni militari Russa u/jew il-konsegwenzi tas-sanzjonijiet ekonomiċi imposti u tal-kontromiżuri ta' ritaljazzjoni meħuda, pereżempju mir-Russja. Il-miżuri ta' għajnuna ma jistgħu bl-ebda mod jintużaw biex jimminaw l-effetti intenzjonati tas-sanzjonijiet imposti mill-UE jew mis-sħab internazzjonali tagħha u jridu jkunu f'konformità sħiħa mar-regoli kontra ċ-ċirkomvenzjoni tar-regolamenti applikabbli ([53]). B'mod partikolari, għandu jiġi evitat li persuni fiżiċi jew entitajiet soġġetti għas-sanzjonijiet jibbenefikaw direttament jew indirettament minn kwalunkwe miżura bħal din ([54]).

(53) Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Komunikazzjoni jistgħu jiġu akkumulati ma' xulxin skont ir-rekwiżiti fit-taqsimiet speċifiċi ta' din il-Komunikazzjoni. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat koperti minn din il-Komunikazzjoni jistgħu jiġu akkumulati ma' għajnuna skont Regolamenti *de minimis* ([55]) jew ma' għajnuna oħra skont ir-Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija ([56]) dment li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet u r-regoli ta' akkumulazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti. Il-miżuri ta' għajnuna mill-Istat koperti minn din il-Komunikazzjoni jistgħu jiġu akkumulati ma' għajnuna mogħtija fil-Qafas Temporanju għall-COVID-19 ([57]), dment li jiġu rispettati r-regoli ta' akkumulazzjoni rispettivi. Meta l-Istati Membri jagħtu lill-istess benefiċjarju self jew garanziji fil-Qafas Temporanju tal-COVID-19 u skont din il-Komunikazzjoni u meta l-ammont globali tal-kapital tas-self jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ta' likwidità awtodikjarati tal-benefiċjarju, l-Istati Membri jridu jiżguraw li dawk il-ħtiġijiet ta' likwidità jiġu koperti darba biss bl-għajnuna. Bl-istess mod, l-għajnuna skont din il-Komunikazzjoni tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna skont l-Artikolu 107(2)(b) TFUE iżda ma jista' jkun hemm l-ebda kumpens żejjed għad-dannu mġarrab mill-benefiċjarju.

---

([53]) Pereżempju, l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

([54]) Meta titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' żewġ kriżijiet sussegwenti li affettwaw lill-impriżi b'diversi modi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu għajnuna skont din il-Komunikazzjoni wkoll lil impriżi f'diffikultà.

([55]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1408/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 9); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45); u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8).

([56]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1); Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1); u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 369, 24.12.2014, p. 37).

([57]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1), kif emendata mill-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni C(2020) 2215 (ĠU C 112 I, 4.4.2020, p. 1), C(2020) 3156 (ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3), C(2020) 4509 (ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3), C(2020) 7127 (ĠU C 340 I, 13.10.2020, p. 1), C(2021) 564 (ĠU C 34, 1.2.2021, p. 6), u C(2021) 8442 (ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1).

## 2. MIZURI TA' GHAJNUNA MILL-ISTAT TEMPORANJI

### 2.1. Ammonti limitati ta' għajnuna

(54) Lil hinn mill-possibbiltajiet eżistenti bbażati fuq l-Artikolu 107(3)(c) TFUE, ammonti temporanji limitati ta' għajnuna lill-impriżi affettwati mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u/jew mis-sanzjonijiet imposti jew mill-kontromiżuri ta' ritaljazzjoni meħuda b'reazzjoni jistgħu jkunu soluzzjoni xierqa, neċessarja u mmirata matul il-kriżi attwali.

(55) Il-Kummissjoni se tqis tali għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin (id-dispożizzjonijiet speċifiċi għas-setturi primarji tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura huma stabbiliti fil-punt 56):

a. L-għajnuna globali ma taqbiżx iż-EUR 2 miljun għal kull impriża fi kwalunkwe mument partikolari [58]. L-għajnuna tista' tingħata fil-forma ta' għotjiet diretti, benefiċċji fuq it-taxxa u fuq il-pagamenti jew f'forom oħra bħalma huma ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli, garanziji [59], self [60] u ekwità dment li l-valur nominali totali ta' dawn il-miżuri ma jeċċedix il-limitu globali ta' EUR 2 miljun għal kull impriża; iċ-ċifri kollha użati jridu jkunu grossi, jiġifieri, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra;

b. l-għajnuna tiġi konċessa abbażi ta' skema b'baġit li jkun stmat;

c. l-għajnuna tkun konċessa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 [61];

d. l-għajnuna tingħata lil impriżi affettwati mill-kriżi;

e. l-għajnuna mogħtija lill-impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli [62] hija bil-kundizzjoni li ma tiġix mgħoddija parzjalment jew kompletament lil produtturi primarji u ma tkunx iffissata fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' prodotti mqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati jew mixtrija minn produtturi primarji, sakemm, fil-każ tal-aħħar, il-prodotti ma jkunux tqiegħdu fis-suq jew ikunu ntużaw għal skopijiet mhux tal-ikel bħad-distillazzjoni, il-metanizzazzjoni jew l-ikkompostjar mill-impriżi kkonċernati.

(56) B'deroga mill-punt 55(a), il-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin japplikaw għal għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli, setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, flimkien mal-kundizzjonijiet tal-punt 55(b) sa (d):

a. l-għajnuna globali fl-ebda mument ma taqbeż il-EUR 250 000 għal kull impriża attiva fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli u t-EUR 300 000 għal kull impriża attiva fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura; [63] l-għajnuna tista' tiġi konċessa fil-forma ta' għotjiet diretti, benefiċċji fuq it-taxxa u fuq il-pagamenti jew f'forom oħra bħalma huma ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli, garanziji [64], self [65] u ekwità dment li l-valur nominali totali ta' dawn il-miżuri ma jeċċedix il-limitu globali rilevanti ta' EUR 250 000 jew EUR 300 000 għal kull impriża; iċ-ċifri kollha użati jridu jkunu grossi, jiġifieri, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra;

---

[58] Għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' skemi approvati f'din it-taqsima li tkun ġiet rimborżata qabel ma tingħata għajnuna ġdida f'din it-taqsima mhijiex se titqies fid-determinazzjoni ta' jekk il-limitu rilevanti jinqabiżx.

[59] Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanziji f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 61(i).

[60] Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta'self f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 64(g).

[61] Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċju fuq it-taxxa, l-obbligazzjoni tat-taxxa li fir-rigward tagħha jkun ġie mogħti dan il-benefiċċju trid tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

[62] Kif stabbilit fl-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 2(7) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 702/2014 tal-25 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċertu kategoriji ta' għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija u f'żoni rurali kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 193, 1.7.2014, p. 1).

[63] Għajnuna mogħtija fuq il-bażi ta' skemi approvati f'din it-taqsima li tkun ġiet rimborżata qabel ma tingħata għajnuna ġdida f'din it-taqsima ma tridx titqies fid-determinazzjoni ta' jekk il-limitu rilevanti jinqabiżx.

[64] Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanziji f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 61(i).

[65] Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta'self f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 64(g).

b. l-għajnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli mhijiex stabbilita fuq il-bażi tal-prezz jew tal-kwantità tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq;

c. l-għajnuna lill-impriżi attivi fis-sajd u fl-akkwakultura ma tkun tikkonċerna l-ebda waħda mill-kategoriji ta' għajnuna li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1) minn (a) sa (k) tar-Regolament (UE) Nru 717/2014 ([66]).

(57) Meta impriża tkun attiva f'diversi setturi li għalihom ikunu japplikaw ammonti massimi differenti skont il-punti 55(a) u 56(a), l-Istat Membru kkonċernat irid jiżgura, b'mezzi xierqa, bħalma huma s-separazzjoni tal-kontijiet, li jiġi rispettat il-limitu relevanti għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet u li ma jeċċedix l-ammont massimu globali ta' EUR 2 miljun għal kull impriża. Meta impriża tkun attiva esklussivament fis-setturi koperti mill-punt 56(a), jenħtieġ li l-ammont massimu globali ta' EUR 300 000 ma jinqabiżx għal kull impriża.

(58) Il-miżuri mogħtija taħt din il-Komunikazzjoni fil-forma ta' avvanzi ripagabbli, garanziji, self jew strumenti oħra ripagabbli tista' tiġi kkonvertita f'forom oħra ta' għajnuna bħal għotjiet, dment li l-konverżjoni sseħħ sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024 u tkun konformi mal-kundizzjonijiet f'din it-taqsima.

## 2.2. **Appoġġ ta' likwidità fil-forma ta' garanziji**

(59) Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għal-likwidità għal impriżi li affettwati mill-kriżi attwali, il-garanziji pubbliċi fuq is-self għal perjodu u għal ammont tas-self limitati jistgħu jkunu soluzzjoni xierqa, meħtieġa u mmirata matul iċ-ċirkostanzi attwali ([67]).

(60) Għall-istess kapital tas-self sottostanti, il-garanziji mogħtija f'din it-taqsima ma jistgħux jiġu akkumulati ma' għajnuna mogħtija fit-taqsima 2.3 ta' din il-Komunikazzjoni u viċi versa jew ma' għajnuna mogħtija fit-Taqsimiet 3.2 jew 3.3 tal-Qafas Temporanju tal-COVID-19. Il-garanziji mogħtija f'din it-taqsima jistgħu jiġu akkumulati għal self differenti sakemm l-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju ma jaqbiżx il-limiti massimi stabbiliti fil-punt 61(e) ta' din il-Komunikazzjoni. Benefiċjarju jista' jibbenefika b'mod parallel minn miżuri multipli f'din it-Taqsima dment li l-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju ma jeċċedix il-limiti stabbiliti fil-punt 61(e).

(61) Il-Kummissjoni se tikkunsidra tali għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji pubbliċi bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE dment li:

a. Il-garanziji pubbliċi huma pprovduti fuq selfiet ġodda li jsiru lill-impriżi;

b. Il-primjums ta' garanzija jkunu stabbiliti għal kull self individwali f'livell minimu, li għandu jiżdied progressivament hija u tiżdied id-durata tas-self garantit, kif stabbilit f'din it-tabella:

| Tip ta' riċevitur | Għall-ewwel sena | Għat-tieni - t-tielet sena | Għar-raba' - is-sitt sena |
|---|---|---|---|
| l-SMEs | 25 bps | 50 bps | 100 bps |
| Intrapriżi kbar | 50 bps | 100 bps | 200 bps |

([66]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 90, 28.6.2014, p. 45).

([67]) Għall-fini ta' din it-taqsima, it-terminu "garanziji pubbliċi fuq self" ikopri wkoll garanziji fuq ċerti prodotti ta' fatturament, jiġifieri garanziji fuq rikors u fatturament bil-maqlub fejn il-fattur għandu d-dritt li jirrikorri għall-fattur. Prodotti ta' fatturazzjoni inversa eliġibbli jridu jkunu limitati għal prodotti li jintużaw biss wara li l-bejjiegħ ikun diġà eżegwa l-parti tiegħu tat-tranżazzjoni, jiġifieri l-prodott jew is-servizz ikun ġie kkonsenjat. Il-kiri finanzjarju huwa kopert ukoll mit-terminu "garanziji pubbliċi fuq is-self". Meta l-garanziji pubbliċi jkunu mmirati biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' likwidità ta' impriżi li jeħtieġ li jipprovdu kollaterali finanzjarji għal attivitajiet ta' negozjar fis-swieq tal-enerġija, dawn il-garanziji pubbliċi jistgħu eċċezzjonalment ikopru wkoll garanziji bankarji jew jiġu pprovduti bħala kollateral finanzjarju lil kontropartijiet ċentrali jew membri tal-ikklerjar.

c. Bħala alternattiva, l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw skemi, b'kunsiderazzjoni tat-tabella ta' hawn fuq bħala bażi, iżda fejn it-tul ta' żmien tal-garanzija, il-primjums tal-garanzija u l-kopertura tal-garanzija jistgħu jiġu modulati għal kull ammont tal-kapital tas-self individwali sottostanti (pereżempju, kopertura tal-garanzija aktar baxxa tista' tibbilanċja żmien itwal jew tista' tippermetti primjums tal-garanzija aktar baxxi); jista' jintuża primjum fiss għad-durata sħiħa tal-garanzija, jekk dan ikun ogħla mill-primjums minimi għall-ewwel sena stabbiliti fit-tabella ta' hawn fuq għal kull tip ta' benefiċjarju, kif aġġustati skont id-durata tal-garanzija u l-kopertura tal-garanzija skont dan il-paragrafu;

d. Il-garanzija hija konċessa sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023;

e. L-ammont globali ta' self għal kull benefiċjarju, li għalih tingħata garanzija f'din it-taqsima, ma għandux jaqbeż:

i. il-15 % tal-fatturat annwali totali medju tal-benefiċjarju matul l-aħħar tliet perjodi kontabilistiċi magħluqa ([68]) ;

ii. il-50 % tal-ispejjeż tal-enerġija matul it-12-il xahar ta' qabel ix-xahar li fih tkun ippreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna ([69]) ; jew

iii. meta tingħata ġustifikazzjoni xierqa li għandha tiġi pprovduta mill-Istat Membru lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tagħha (pereżempju b'rabta mal-isfidi ffaċċjati mill-benefiċjarju matul il-kriżi attwali) ([70]), l-ammont tas-self jista' jiżdied:

— biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' likwidità mill-mument tal-għoti għat-12-il xahar li ġejjin għall-SMEs ([71]) u għas-6 xhur li ġejjin għal intrapriżi l-kbar;

— fir-rigward tal-impriżi l-kbar li jeħtieġ li jipprovdu kollaterali finanzjarji għal attivitajiet ta' negozjar fis-swieq tal-enerġija, biex ikopru l-ħtiġijiet ta' likwidità derivati minn dawn l-attivitajiet mill-mument tal-għoti għat-12-il xahar li jmiss;

— Il-ħtiġijiet ta' likwidità jenħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' awtoċertifikazzjoni mill-benefiċjarju ([72]);

— Il-ħtiġijiet ta' likwidità diġà koperti minn miżuri ta' għajnuna fil-Qafas Temporanju tal-COVID-19 ma jistgħux jiġu koperti minn miżuri adottati skont din il-Komunikazzjoni;

f. Iż-żmien ta' kemm iddum il-garanzija huwa limitat għal massimu ta' sitt snin, sakemm ma tiġix modulata skont il-punt 61(c) u l-garanzija pubblika ma tistax teċċedi:

i. id-90 % tal-kapital tas-self meta t-telf jiġġarrab b'mod proporzjonali u taħt l-istess kundizzjonijiet mill-istituzzjoni ta' kreditu u mill-Istat; jew

ii. il-35 % tal-kapital tas-self, meta t-telf jiġi l-ewwel attribwit lill-Istat u jkun biss wara dan li jiġi attribwit lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (jiġifieri, garanzija kontra l-ewwel telf); kif ukoll

iii. fiż-żewġ każijiet ta' hawn fuq, jekk id-daqs tas-self jonqos maż-żmien, pereżempju għax is-self jibda' jitħallas lura, l-ammont garantit ikollu jitnaqqas proporzjonalment;

([68]) Meta l-benefiċjarji tal-miżura jkunu intrapriżi stabbiliti ġodda li ma jkollhomx tliet kontijiet annwali magħluqa, il-limitu applikabbli pprovdut mill-punt 61(e)(i) se jiġi kkalkulat abbażi tat-tul ta' żmien tal-eżistenza tal-impriża fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-impriża.

([69]) Meta l-benefiċjarji tal-miżura jkunu intrapriżi stabbiliti ġodda li ma jkollhomx rekords għat-tnax-il xahar preċedenti kollha, il-limitu massimu applikabbli pprovdut mill-punt 61(e)(ii) se jiġi kkalkulat abbażi tat-tul ta' żmien tal-eżistenza tal-impriża fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-impriża.

([70]) Ġustifikazzjoni rilevanti tista' tkun relatata ma' benefiċjarji attivi f'setturi li huma partikolarment affettwati mill-effetti diretti jew indiretti tal-aggressjoni, inklużi sanzjonijiet imposti mill-UE, is-sħab internazzjonali tagħha, kif ukoll kontromiżuri meħuda, pereżempju mir-Russja. Dawn l-effetti jistgħu jinkludu interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista jew pagamenti pendenti mir-Russja jew mill-Ukrajna, riskji akbar ta' attakki ċibernetiċi, jew żieda fil-prezzijiet għal inputs jew materja prima speċifiċi affettwati mill-kriżi attwali.

([71]) Kif definit fl-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

([72]) Il-pjan ta' likwidità jista' jinkludi kemm il-kapital operatorju kif ukoll l-ispejjeż tal-investiment. Il-Kummissjoni tiċċara li filwaqt li din il-Komunikazzjoni tkun fis-seħħ, l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu taħt din it-taqsima garanziji pubbliċi addizzjonali lil benefiċjarji li diġà jkunu rċevew tali appoġġ biex iqisu ħtiġijiet ġodda ta' likwidità li ma kinux inklużi fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità oriġinali. Kwalunkwe appoġġ bħal dan jeħtieġ li jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha ta' din il-Komunikazzjoni u jeħtieġ li jiżgura li l-istess ħtiġijiet ta' likwidità jkunu koperti darba biss.

g. B'ġustifikazzjoni xierqa li trid tiġi pprovduta mill-Istat Membru u b'deroga mill-punti 61 (a), 61(e), 61(f) u 61(h), il-garanzija pubblika tista' tiġi pprovduta bħala kollateral finanzjarju mhux iffinanzjat ([73]) lil kontropartijiet ċentrali jew membri tal-ikklerjar biex tkopri ħtiġijiet ġodda ta' likwidità derivati mill-ħtieġa li jiġu pprovduti kollaterali finanzjarji għal attivitajiet ta' negozjar ikklerjati fis-swieq tal-enerġija għall-impriżi tal-enerġija. Il-kopertura għal dawn il-garanziji mhux iffinanzjati tista' taqbeż b'mod eċċezzjonali id-90 %. Għal dawn il-garanziji mhux iffinanzjati, l-Istat Membru għandu:

  i. jekk il-kopertura tal-garanzija taqbeż id-90 %, juri l-ħtieġa ta' kopertura għolja bħal din, abbażi ta' evidenza robusta u speċifika, u jimpenja ruħu li jivvalida u jimmonitorja regolarment li l-benefiċjarji finali ma jkunux jistgħu jissodisfaw dawn il-ħtiġijiet ta' likwidità permezz ta' sorsi oħra ta' finanzjament intern jew estern, inkluża għajnuna oħra f'din il-Komunikazzjoni;

  ii. jiġġustifika l-ammont tal-garanziji, li fi kwalunkwe każ ma jistax jaqbeż l-ammont biex ikopri l-ħtiġijiet ta' likwidità għat-12-il xahar li ġejjin li huma derivati mill-ħtieġa li jiġu pprovduti kollaterali finanzjarji għal attivitajiet ta' negozjar ikklerjati fis-swieq tal-enerġija. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw dawn il-ħtiġijiet fuq bażi regolari;

  iii. jiġġustifika l-perjodu li għalih tingħata l-garanzija, li jrid ikun limitat għall-31 ta' Diċembru 2023 u fi kwalunkwe każ ma jaqbiżx il-perjodu fejn tali garanziji jitqiesu bħala kollateral likwidu ħafna skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali ([74]), kif emendat;

  iv. juri kif il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-garanzija se jindirizzaw b'mod suffiċjenti t-tħassib dwar il-periklu morali rigward il-benefiċjarju u l-intermedjarju finanzjarju. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-kundizzjoni dwar l-irkupru mill-benefiċjarju finali tal-ammonti garantiti, fejn il-pretensjonijiet tal-Istat Membru fuq l-assi tal-benefiċjarju finali għandhom jiġu klassifikati fl-istess livell ta' prijorità jew f'livell ogħla mill-istrumenti l-oħra tad-dejn u dejn superjuri pendenti tal-benefiċjarju finali;

  v. jindika l-primjums li se jiġu applikati għal tali garanziji, li jridu jkunu mill-inqas ugwali għall-primjums ta' garanzija msemmija fit-tabella tal-punt 61(b) biż-żieda ta' 200 bps u, jekk il-kontroparti ċentrali jew il-membru tal-ikklerjar ma jimponi l-ebda rata tal-imgħax jew tariffi għall-pożizzjoni kollaterali mhux iffinanzjata, ir-rata bażi kif definita fil-punt 64(b) trid tiġi miżjuda;

  vi. jiżgura li l-punti 61(d) u 61(i) jiġu osservati wkoll. L-għażla fil-punt 61(c) mhijiex applikabbli u l-garanzija għandha tkun relatata biss mal-ħtiġijiet ta' likwidità kif definiti fil-punt 61(g);

h. Il-garanzija għandha tkun tirrigwarda self għall-investiment u/jew għall-kapital operatorju;

i. Il-garanziji jistgħu jiġu pprovduti direttamentlill-benefiċjarji finali jew lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra bħala intermedjarji finanzjarji. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra, sa fejn ikun assolutament possibbli, jgħaddu l-vantaġġi tal-garanziji pubbliċi lill-benefiċjarji finali. L-intermedjaru finanzjarju jrid ikun fil-pożizzjoni li juri li huwa jħaddem mekkaniżmu li jiggarantixxi li l-vantaġġi jgħaddu sa fejn ikun assolutament possibbli għand il-benefiċjarji finali fil-forma ta' volumi akbar ta' ffinanzjar, portafolli aktar riskjużi, rekwiżiti iċken ta' garanziji, primjums iżgħar ta' garanzija jew rati tal-imgħax aktar baxxi milli mingħajr tali garanziji pubbliċi.

### 2.3. **Appoġġ ta' likwidità fil-forma ta' selfiet sussidjati**

(62) Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għal-likwidità għall-impriżi affettwati mill-kriżi attwali, ir-rati tal-imgħax sussidjati għal perjodu u għal ammont ta' self li jkunu limitati jistgħu jkunu soluzzjoni xierqa, meħtieġa u mmirata matul iċ-ċirkostanzi attwali.

([73]) Kif spjegat fin-nota 67 f'qiegħ il-paġna u b'kuntrast mal-garanziji pubbliċi fuq self taħt din it-taqsima, li jintużaw biex jiffaċilitaw il-forniment ta' likwidità direttament lill-impriżi, il-garanziji pubbliċi pprovduti bħala kollateral finanzjarju skont dan il-punt(61)(g) mhumiex iffinanzjati u huma pprovduti direttament lill-kontroparti ċentrali jew lill-membru tal-ikklerjar mingħajr ebda strument sottostanti.

([74]) ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41.

(63) Għall-istess kapital tas-self sottostanti, is-selfiet mogħtija f'din it-taqsima ma għandhomx jiġu kumulati ma' għajnuna mogħtija fit-taqsima 2.2 ta' din il-Komunikazzjoni u viċi versa. Is-selfiet u l-garanziji mogħtija skont din il-Komunikazzjoni jistgħu jiġu kumulati għal selfiet differenti dment li l-ammont globali ta' selfiet għal kull benefiċjarju ma jaqbiżx il-limiti stabbiliti fil-punt 61 (e) jew fil-punt 64(e). Benefiċjarju jista' jibbenefika b'mod parallel minn diversi selfiet sussidjati multipli f'din it-Taqsima dment li l-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju ma jeċċedix il-limiti stabbiliti fil-punt 64(e).

(64) Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' selfiet sussidjati b'reazzjoni għall-kriżi attwali bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. Is-selfiet ma jingħatawx lil istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

b. Is-self jista' jiġi konċess b'rati tal-imgħax imnaqqsa li jkunu tal-anqas ugwali għar-rata bażi (IBOR ta' sena (1) jew ekwivalenti, kif ippubblikat mill-Kummissjoni ([75])) disponibbli fl-1 ta' Ottubru 2022 ([76]) jew applikabbli fil-mument tan-notifika, flimkien mal-marġni ta' kreditu kif stabbilit fit-tabella hawn taħt ([77])

| Tip ta' riċevitur | Marġni ta' riskju ta' kreditu għall-ewwel sena | Marġni ta' riskju ta' kreditu għat-tieni - it-tielet sena | Marġni ta' riskju ta' kreditu għar-raba' - is-sitt sena |
|---|---|---|---|
| l-SMEs | 25 bps ([78]) | 50 bps ([79]) | 100 bps |
| Intrapriżi kbar | 50 bps | 100 bps | 200 bps |

c. Bħala alternattiva, l-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw skemi, b'kunsiderazzjoni tat-tabella ta' hawn fuq bħala bażi, iżda fejn il-maturità tas-self u l-marġnijiet ta' riskju ta' kreditu jistgħu jiġu modulati, pereżempju jista' jintuża marġni ta' riskju ta' kreditu fiss għal kemm idum is-self, jekk dan ikun ogħla mill-marġni ta' riskju ta' kreditu minimu għall-ewwel sena għal kull tip ta' benefiċjarju, kif aġġustat skont il-maturità tas-self skont dan il-paragrafu ([80]) ([81]);

d. Il-kuntratti tas-self jiġu ffirmati mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u jkunu limitati għal massimu ta' sitt snin, sakemm ma jiġux modulati skont il-punt 64(c);

e. L-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju ma għandux jaqbeż:

i. il-15 % tal-fatturat annwali totali medju tal-benefiċjarju matul l-aħħar tliet perjodi kontabilistiċi magħluqa ([82]) ; jew

ii. il-50 % tal-ispejjeż tal-enerġija matul it-12-il xahar ta' qabel ix-xahar li fih tkun ippreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna ([83]) ;

([75]) Ir-rati bażi kkalkulati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6) u ppubblikati fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni fuq https://ec.europa.eu/competition-policy/state-aid/legislation/reference-discount-rates-and-recovery-interest-rates_en .

([76]) Għas-self mogħti sal-31 ta' Diċembru 2022, tista' tintuża r-rata bażi tal-1 ta' Frar 2022.

([77]) Jekk jiġi applikat perjodu ta' grazzja għall-pagamenti tal-imgħax, irid ikun hemm konformità mar-rati minimi tal-imgħax stabbiliti fil-punt 64(b) u l-imgħax irid jakkumula mill-ewwel jum tal-perjodu ta' grazzja u jrid jiġi kapitalizzat mill-inqas darba fis-sena. It-tul tal-kuntratti tas-self se jibqa' limitat għal massimu ta' sitt snin mill-mument tal-għoti tas-self sakemm ma jiġix modulat f'konformità mal-punt 64(c) u l-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju msemmi fil-punt 64(e) ma jinqabiżx.

([78]) Ir-rata minima tar-rata tal-imgħax totali (ir-rata bażi flimkien mal-marġni ta' riskju ta' kreditu) jenħtieġ li tkun ta' mill-anqas 10 bps fis-sena.

([79]) Ir-rata minima tar-rata tal-imgħax totali (ir-rata bażi flimkien mal-marġni ta' riskju ta' kreditu) jenħtieġ li tkun ta' mill-anqas 10 bps fis-sena.

([80]) Ir-rata minima tar-rata tal-imgħax totali (ir-rata bażi flimkien mal-marġni ta' riskju ta' kreditu) jenħtieġ li tkun ta' mill-anqas 10 bps fis-sena.

([81]) Ara s-sommarju tal-prattika tal-każijiet dwar il-modulazzjoni taħt il-punt 64(c) ippubblikat fuq is-sit web tad-DĠ Kompetizzjoni fuq https://ec.europa.eu/competition-policy/state-aid/ukraine_en.

([82]) Meta l-benefiċjarji tal-miżura jkunu intrapriżi stabbiliti ġodda li ma jkollhomx tliet kontijiet annwali magħluqa, il-limitu applikabbli pprovdut mill-punt 64(e)(i) se jiġi kkalkulat abbażi tat-tul ta' żmien tal-eżistenza tal-impriża fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-impriża.

([83]) Meta l-benefiċjarji tal-miżura jkunu intrapriżi stabbiliti ġodda li ma jkollhomx rekords għat-tnax-il xahar preċedenti kollha, il-limitu massimu applikabbli pprovdut mill-punt 64(e)(ii) se jiġi kkalkulat abbażi tat-tul ta' żmien tal-eżistenza tal-impriża fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna mill-impriża.

iii. meta tingħata ġustifikazzjoni xierqa li tingħata mill-Istat Membru lill-Kummissjoni (pereżempju b'rabta mal-isfidi ffaċċjati mill-benefiċjarju matul il-kriżi attwali) ([84]), l-ammont tas-self jista' jiżdied:

— biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' likwidità: mill-mument tal-għoti għat-12-il xahar li ġejjin għall-SMEs ([85]) u għas-6 xhur li ġejjin għal intrapriżi l-kbar;

— fir-rigward tal-intrapriżi l-kbar li jeħtieġ li jipprovdu kollaterali finanzjarji għal attivitajiet ta' negozjar fis-swieq tal-enerġija, biex ikopru l-ħtiġijiet ta' likwidità derivati minn dawn l-attivitajiet mill-mument tal-għoti għat-12-il xahar li jmiss;

— Il-ħtiġijiet ta' likwidità jenħtieġ li jiġu stabbiliti permezz ta' awtoċertifikazzjoni mill-benefiċjarju ([86]);

— Il-ħtiġijiet ta' likwidità diġà koperti minn miżuri ta' għajnuna fil-Qafas Temporanju tal-COVID-19 ma għandhomx ikunu koperti mill-Komunikazzjoni attwali;

f. Is-selfiet għandhom jirrigwardaw l-investiment u/jew il-bżonnijiet tal-kapital operatorju;

g. L-intermedjarju finanzjarju jrid ikun kapaċi juri li jopera mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi jiġu mgħoddija, kemm jista' jkun possibbli, lill-benefiċjarji finali mingħajr ma jiġi kkundizzjonat l-għoti ta' selfiet sussidjati f'din it-taqsima għar-rifinanzjament ta' selfiet eżistenti. F'każ bħal dan, jenħtieġ li l-istituzzjoni ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji jgħaddu l-vantaġġi tar-rati ta' imgħax issussidjati fuq is-self lill-benefiċjarji finali safejn possibbli. L-intermedjarju finanzjarju jrid ikun kapaċi juri li jopera mekkaniżmu li jiżgura li l-vantaġġi jiġu mgħoddija, kemm jista' jkun possibbli, lill-benefiċjarji finali mingħajr ma jiġi kkundizzjonat l-għoti ta' selfiet sussidjati f'din it-taqsima għar-rifinanzjament ta' selfiet eżistenti.

## 2.4. Għajnuna għal spejjeż addizzjonali minħabba żieda eċċezzjonalment qawwija fil-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku

(65) Lil hinn mill-possibbiltajiet eżistenti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u l-possibbiltajiet stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni, l-appoġġ temporanju jista' jtaffi l-konsegwenzi ta' żidiet eċċezzjonalment severi fil-prezz tal-gass naturali u tal-elettriku kkawżati mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Tali appoġġ jista' jiġi pprovdut lill-impriżi abbażi tal-konsum attwali jew storiku tal-enerġija tagħhom. Fl-ewwel każ, l-appoġġ jippermetti t-tkomplija tal-attività ekonomika tal-impriżi l-aktar affettwati iżda jinvolvi b'mod inerenti inqas inċentivi biex tiġi ffrankata l-enerġija. Fl-isfond tal-iskarsezza fil-provvisti tal-gass fl-UE, huwa importanti wkoll li jinżammu l-inċentivi b'saħħithom għat-tnaqqis fid-domanda u bidla gradwali lejn it-tnaqqis tal-konsum tal-gass. L-appoġġ ibbażat fuq il-konsum storiku tal-enerġija jista' jżomm inċentivi tas-suq intatti biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jgħin lill-impriżi jlaħħqu mal-konsegwenzi tal-kriżi attwali, sakemm il-benefiċjarji ma jbaxxux sostanzjalment l-attivitajiet ta' produzzjoni aktar 'l isfel minn dak li huwa meħtieġ biex jitwettaq l-iffrankar tal-enerġija mmirat u/jew sempliċiment iċaqalqu l-konsum tagħhom x'imkien ieħor. L-Istati Membri huma għalhekk mistiedna jitolbu lill-benefiċjarji jipprovdu impenji adegwati għal dak il-għan. Għal kwalunkwe perijodu eliġibbli, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skema ta' appoġġ abbażi tal-konsum attwali jew storiku tal-enerġija.

([84]) Ġustifikazzjoni rilevanti tista' tkun relatata ma' benefiċjarji attivi f'setturi li huma partikolarment affettwati mill-effetti diretti jew indiretti tal-aggressjoni Russa, inklużi miżuri ekonomiċi restrittivi meħuda mill-Unjoni u s-sħab internazzjonali tagħha, kif ukoll kontromiżuri meħuda mir-Russja. Dawn l-effetti jistgħu jinkludu interruzzjonijiet fil-ktajjen tal-provvista jew pagamenti pendenti mir-Russja jew mill-Ukrajna, iżidu l-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq tal-enerġija u l-ħtiġijiet kollaterali relatati, riskji akbar ta' attakki ċibernetiċi, jew żieda fil-prezzijiet għal inputs jew materja prima speċifiċi affettwati mill-kriżi attwali.

([85]) Kif definit fl-Anness I tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

([86]) Il-pjan ta' likwidità jista' jinkludi kemm il-kapital operatorju kif ukoll l-ispejjeż tal-investiment. Il-Kummissjoni tiċċara li filwaqt li din il-Komunikazzjoni tkun fis-seħħ, l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu taħt din it-taqsima self issussidjat addizzjonali lil benefiċjarji li diġà jkunu rċevew tali appoġġ biex iqisu ħtiġijiet ġodda ta' likwidità li ma kinux inklużi fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità oriġinali. Kwalunkwe appoġġ bħal dan jeħtieġ li jikkonforma mal-kundizzjonijiet kollha ta' din il-Komunikazzjoni u jeħtieġ li jiżgura li l-istess ħtiġijiet ta' likwidità jkunu koperti darba biss.

(66) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna mill-Istat bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. L-għajnuna tkun konċessa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 ([87]);

b. L-għajnuna tista' tingħata fil-forma ta' għotjiet diretti, benefiċċji fuq it-taxxa ([88]) u fuq il-pagamenti, jew f'forom oħra bħalma huma ħlasijiet bil-quddiem ripagabbli, garanziji ([89]), selfiet ([90]) u ekwità dment li l-valur nominali totali ta' dawn il-miżuri ma jeċċedix l-intensità u l-limiti applikabbli tal-għajnuna. Iċ-ċifri kollha użati jridu jkunu grossi, jiġifieri, qabel kull tnaqqis ta' taxxa jew imposti oħra;

c. L-għajnuna mogħtija fil-forma ta' avvanzi ripagabbli, garanziji, selfiet jew strumenti oħra ripagabbli tista' tiġi kkonvertita f'forom oħra ta' għajnuna bħal għotjiet, dment li l-konverżjoni sseħħ mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024;

d. L-għajnuna tiġi konċessa abbażi ta' skema b'baġit li jkun stmat. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għajnuna għal attivitajiet li jappoġġaw setturi ekonomiċi speċifiċi ta' importanza partikolari għall-ekonomija jew għas-sigurtà u r-reżiljenza tas-suq intern, filwaqt li jqisu, pereżempju, il-kriterji għall-prijoritizzazzjoni ta' klijenti kritiċi mhux protetti fil-Komunikazzjoni "Niffrankaw il-gass għal xitwa sikura ([91]). Madankollu, limiti bħal dawn jeħtieġ li jitfasslu b'mod wiesa' u ma jkunux iwasslu għal limitazzjoni artifiċjali ta' benefiċjarji potenzjali;

e. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, l-ispejjeż eliġibbli huma kkalkulati abbażi taż-żieda fil-konsum tal-gass naturali (inkluż bħala materja prima), tal-elettriku, u tat-tisħin u tat-tkessiħ ([92]) prodotti direttament mill-gass naturali u mill-elettriku akkwistati mill-benefiċjarju ([93]). L-ispiża massima eliġibbli hija kkalkulata skont il-formula li ġejja:

$(p(t) – p(ref) \times 1.5) \times q$

Fejn:

t huwa xahar partikolari, jew perjodu ta' diversi xhur konsekuttivi, bejn l-1 ta' Frar 2022 u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 ("perjodu eliġibbli")

ref huwa l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 ("perjodu ta' referenza")

p(t) huwa l-prezz medju għal kull unità kkunsmata mill-benefiċjarju fil-perjodu eliġibbli (pereżempju, f'EUR/MWh)

p(ref) huwa l-prezz medju għal kull unità kkunsmata mill-benefiċjarju fil-perjodu ta' referenza (pereżempju, f'EUR/MWh)

---

([87]) Permezz ta' deroga, meta l-għajnuna tingħata biss wara verifika *ex post* tad-dokumentazzjoni ta' sostenn tal-benefiċjarju u l-Istat Membru jiddeċiedi li ma jinkludix il-possibbiltà li jagħti pagamenti bil-quddiem skont il-punt 68, l-għajnuna tista' tingħata sal-31 ta' Marzu 2024 sakemm jiġu rispettati l-perjodu eliġibbli kif definit fil-punt 66(e) u r-rekwiżiti fil-punt 68.

([88]) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċju fuq it-taxxa, l-obbligazzjoni tat-taxxa li fir-rigward tagħha jkun ġie mogħti dan il-benefiċċju trid tkun seħħet mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023.

([89]) Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' garanziji f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 61(i).

([90]) Meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta'self f'din it-taqsima, japplikaw il-kundizzjonijiet addizzjonali fil-punt 64(g).

([91]) COM/2022/360 final.

([92]) Fil-każ ta' networks ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, jista' ma jkunx dejjem possibbli li jiġi ddeterminat b'mod preċiż il-fjuwil użat mis-sors ċentrali. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq ċertifikazzjonijiet mill-operaturi tat-tisħin distrettwali jew stimi li jindikaw it-taħlita tal-enerġija tan-networks rispettivi u jużaw dik l-informazzjoni biex jikkalkulaw is-sehem tal-konsum tat-tisħin/tkessiħ li jista' jkun eliġibbli għal kumpens f'din it-taqsima.

([93]) Għall-finijiet tat-taqsima 2.4 esklussivament, "benefiċjarju" tfisser impriża jew entità ġuridika li tifforma parti minn impriża.

q hija l-kwantità akkwistata minn fornituri esterni u kkunsmata mill-benefiċjarju bħala konsumatur finali ([94]). Din il-kwantità tista' tiġi stabbilita minn Stat Membru bħala jew:

— q(t), jiġifieri l-konsum tal-benefiċjarju fil-perjodu eliġibbli, jew

— q(ref), jiġifieri l-konsum tal-benefiċjarju fil-perjodu ta' referenza.

Mill-1 ta' Settembru 2022, q ma jistax jaqbeż is-70 % tal-konsum tal-benefiċjarju għall-istess perjodu fl-2021.

f. L-għajnuna globali għal kull benefiċjarju ma taqbiżx il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli u l-għajnuna globali għal kull impriża ma taqbiżx l-EUR 4 miljun fi kwalunkwe mument partikolari;

g. L-għajnuna mogħtija f'din it-taqsima tista' tiġi akkumulata ma' għajnuna mogħtija skont it-Taqsima 2.1, sakemm il-limiti massimi tal-għajnuna applikabbli għal kull impriża f'din it-taqsima ma jinqabżux. Għall-istess volum ta' konsum, l-għajnuna mogħtija f'din it-taqsima li hija kkalkulata abbażi tal-konsum storiku (q(ref)) ma tistax tiġi akkumulata ma' għajnuna mogħtija fit-taqsima 2.7.

(67) F'ċerti sitwazzjonijiet, tista' tkun meħtieġa aktar għajnuna għall-benefiċjarji li jsofru minn tnaqqis fil-prestazzjoni ekonomika matul il-kriżi. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna li taqbeż il-valuri kkalkolati skont il-punt 66(f), meta, barra l-issodisfar tal-kundizzjonijiet fil-punt minn 66(a) sa (e) u (g), ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. L-għajnuna globali għal kull benefiċjarju ma taqbiżx l-40 % tal-ispejjeż eliġibbli u l-għajnuna globali għal kull impriża ma taqbiżx il-EUR 100 miljun fi kwalunkwe mument partikolari;

b. Għall-benefiċjarji li jikkwalifikaw bħala "negozji intensivi fl-enerġija" ([95]) l-għajnuna globali għal kull benefiċjarju tista' tiżdied sa massimu ta' 65 % tal-ispejjeż eliġibbli u l-għajnuna globali għal kull impriża ma tistax taqbeż il-EUR 50 miljun fi kwalunkwe mument partikolari. Barra minn hekk, il-benefiċjarju jrid juri li għandu jew tnaqqis fl-EBITDA ([96]) (eskluża l-għajnuna) ta' mill-inqas 40 % fil-perjodu eliġibbli meta mqabbel mal-perjodu ta' referenza, jew EBITDA negattiv (eskluża l-għajnuna) fil-perjodu eliġibbli;

c. Għall-benefiċjarji li jikkwalifikaw bħala "negozji intensivi fl-enerġija" attivi f'settur jew sottosettur wieħed jew aktar elenkati fl-Anness I ([97]), l-għajnuna globali għal kull benefiċjarju tista' tiżdied għal massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli u l-għajnuna globali għal kull impriża ma tistax taqbeż il-EUR 150 miljun fi kwalunkwe ħin. Barra minn hekk, il-benefiċjarju jrid juri li għandu jew tnaqqis fl-EBITDA (eskluża l-għajnuna) ta' mill-inqas 40 % fil-perjodu eliġibbli meta mqabbel mal-perjodu ta' referenza, jew EBITDA negattiv (eskluża l-għajnuna) fil-perjodu eliġibbli;

d. Għal għajnuna mogħija fil-punti 67(a), 67(b) u 67(c), l-EBITDA tal-benefiċjarju fil-perjodu eliġibbli, inkluża l-għajnuna globali, ma jistax jaqbeż is-70 % tal-EBITDA tiegħu fil-perjodu ta' referenza. F'każijiet fejn l-EBITDA kien negattiv fil-perjodu ta' referenza, l-għajnuna ma tistax twassal għal żieda fl-EBITDA fil-perjodu eliġibbli ta' aktar minn 0.

---

([94]) Kif muri mill-benefiċjarju pereż. fuq il-bażi tal-kont rispettiv. Il-konsum tal-enerġija mill-utenti finali biss se jingħadd, il-bejgħ u l-produzzjoni proprja huma esklużi. Il-konsum tal-enerġija tas-settur tal-enerġija nnifsu u t-telf li jseħħ matul it-trasformazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija huma esklużi.

([95]) "Negozju intensiv fl-enerġija" huwa entità ġuridika fejn ix-xiri ta' prodotti tal-enerġija (inklużi prodotti tal-enerġija għajr il-gass naturali u l-elettriku) jammonta għal mill-inqas 3,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew tal-fatturat, abbażi tad-*data* mir-rapporti kontabilistiċi finanzjarji għas-sena kalendarja 2021. Alternattivament, tista' tintuża *data* għall-ewwel semestru tal-2022, f'liema każ il-benefiċjarju jista' jikkwalifika bħala "negozju intensiv fl-enerġija" jekk ix-xiri ta' prodotti tal-enerġija (inklużi prodotti tal-enerġija għajr il-gass naturali u l-elettriku) jammonta għal mill-inqas 6,0 % tal-valur tal-produzzjoni jew tal-fatturat.

([96]) EBITDA jfisser qligħ qabel l-imgħax, it-taxxi, id-deprezzament, u l-amortizzament, minbarra indebolimenti ta' darba.

([97]) L-Anness I jelenka s-setturi u s-sottosetturi meqjusa li huma partikolarment esposti għat-telf tal-kompetittività minħabba l-kriżi tal-enerġija, li għaliha l-intensità tal-kummerċ tas-(sotto)settur ma' pajjiżi terzi u l-intensità tal-emissjonijiet jirrappreżentaw indikaturi oġġettivi. Benefiċjarju se jitqies bħala attiv f'settur jew subsettur elenkat fl-Anness I skont il-klassifikazzjoni tal-benefiċjarju fil-kontijiet nazzjonali settorjali jew jekk waħda jew aktar mill-attivitajiet li jwettaq u li huma inklużi fl-Anness I iġġeneraw aktar minn 50 % tal-fatturat jew tal-valur tal-produzzjoni tiegħu fl-2021.

(68) F'din it-taqsima, l-awtorità awtorizzanti tista' tagħmel pagament bil-quddiem lill-benefiċjarju. Meta tagħmel dan, l-awtorità awtorizzanti tista' sserraħ fuq stimi tal-kriterji ta' eliġibbiltà f'din it-taqsima sakemm il-limiti massimi tal-għajnuna f'din it-taqsima jiġu rispettati. L-awtorità awtorizzanti għandha tistabbilixxi proċess ta' verifika biex tivverifika r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà rilevanti u l-limiti tal-għajnuna *ex post* abbażi ta' *data* attwali u biex tiġbor lura kwalunkwe pagament ta' għajnuna li ma jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà jew li jaqbeż il-limiti tal-għajnuna mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jkun intemm il-perjodu eliġibbli.

## 2.5. Għajnuna għall-aċċellerazzjoni tal-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin u s-sħana rinnovabbli rilevanti għar-REPowerEU

(69) Lil hinn mill-possibbiltajiet eżistenti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, huwa essenzjali fil-kuntest tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u tal-Pjan REPowerEU ([98]) li tiġi aċċellerata u estiża d-disponibbiltà tal-enerġija rinnovabbli b'mod kosteffettiv bil-ħsieb li titnaqqas malajr id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet Russi tal-fjuwils fossili u titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija. L-għajnuna mill-Istat biex jitħaffef l-użu tal-kapaċità solari, il-kapaċità tal-enerġija mir-riħ, il-kapaċità tal-enerġija ġeotermali, il-ħżin tal-elettriku u tal-enerġija termali, is-sħana rinnovabbli kif ukoll il-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli, bijogass u bijometan mill-iskart u r-residwi tifforma parti minn soluzzjoni xierqa, meħtieġa u mmirata biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati fil-kuntest attwali. Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida ta' proġetti li jaċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin u s-sħana rinnovabbli, ċerti simplifikazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ huma ġġustifikati fuq bażi temporanja.

(70) Il-Kummissjoni se tqis kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE għajnuna għall-promozzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, l-idroġenu rinnovabbli, il-bijogass u l-bijometan mill-iskart u r-residwi, l-elettriku u l-ħżin tal-enerġija termali u s-sħana rinnovabbli dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. l-għajnuna tingħata għal waħda minn dawn li ġejjin:

   i. il-ġenerazzjoni ta' elettriku fotovoltajku jew enerġija solari oħra;

   ii. il-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija mir-riħ;

   iii. il-ġenerazzjoni tal-enerġija ġeotermali;

   iv. il-ħżin tal-elettriku jew tal-enerġija termali (anki flimkien ma' tipi oħra ta' investimenti koperti minn din it-taqsima);

   v. il-produzzjoni ta' sħana rinnovabbli, inkluż permezz ta' pompi tas-sħana konformi mal-Anness VII tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([99]);

   vi. il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli;

   vii. il-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan mill-iskart u mir-residwi, f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-UE skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u mar-Regolament (UE) 2018/841 ([100]);

b. l-iskemi ta' sostenn jistgħu jkunu limitati għal teknoloġija waħda jew aktar skont il-punt 70(a) iżda ma għandhom jinkludu l-ebda limitazzjoni jew diskriminazzjoni artifiċjali, (inkluż fl-għoti ta' liċenzji, permessi jew konċessjonijiet meta dawn ikunu meħtieġa) bħal limitazzjonijiet skont id-daqs tal-proġetti, il-post jew l-aspetti reġjonali jew (sub)tipi ta' teknoloġiji speċifiċi ħafna f'waħda mit-teknoloġiji msemmija fil-punt 70(a);

c. l-għajnuna tiġi konċessa fil-forma ta' għotjiet diretti, ħlas bil-quddiem ripagabbli, self, garanziji jew benefiċċji fuq it-taxxa;

d. l-għajnuna tiġi konċessa abbażi ta' skema b'estimi tal-volum u baġitarji;

([98]) COM/2022/230 final, it-18 ta' Mejju 2022.

([99]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

([100]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

e. l-għajnuna tingħata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2023 u l-installazzjonijiet iridu jitlestew u jitħaddmu fi żmien 30 xahar wara d-data tal-għoti jew 36 xahar wara d-data tal-għoti tal-għajnuna għall-installazzjonijiet tar-riħ u tal-idroġenu rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Meta din l-iskadenza ma tiġix rispettata, 5 % tal-ammont tal-għajnuna mogħtija jrid jiġi rimborżat jew imnaqqas kull xahar wara l-ewwel 3 xhur ta' dewmien, u jiżdied għal 10 % kull xahar ta' dewmien wara s-sitt xahar, sakemm id-dewmien ma jkunx dovut għal fatturi barra mill-kontroll tal-benefiċjarju tal-għajnuna, u ma setax jiġi previst b'mod raġonevoli ([101]);

f. meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' kuntratti għal pagamenti ta' għajnuna li jkunu għaddejjin, dawn il-kuntratti ma jridux idumu aktar minn 20-il sena wara li l-installazzjoni megħjuna tibda topera;

g. l-għajnuna tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti li jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi li huma definiti *ex ante* u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi. Mill-inqas 70 % fil-kriterji totali tal-għażla użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti jridu jiġu definiti f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' protezzjoni ambjentali ([102]) jew għajnuna għal kull unità ta' output ta' enerġija jew unità ta' kapaċità;

h. proċess kompetittiv ta' offerti mhuwiex obbligatorju meta l-għajnuna tingħata fil-forma ta' benefiċċji fuq it-taxxa, sa fejn tingħata bl-istess mod għall-impriżi eliġibbli kollha li joperaw fl-istess settur ta' attività ekonomika li jkunu fl-istess sitwazzjoni fattwali jew f'sitwazzjoni fattwali simili fir-rigward tal-għanijiet jew l-objettivi tal-miżura ta' għajnuna. Barra minn hekk, proċess kompetittiv ta' offerti mhuwiex obbligatorju meta l-għajnuna mogħtija għal kull impriża għal kull proġett ma taqbiżx il-EUR 25 miljun u l-benefiċjarji tal-għajnuna jkunu proġetti żgħar definiti kif ġej:

   i. għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-elettriku jew il-ħżin termali – proġetti ta' 1 MW jew inqas ta' kapaċità installata;

   ii. għal teknoloġiji tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-produzzjoni tal-gass – proġetti b'kapaċità installata ta' 1 MW jew inqas jew l-ekwivalenti;

   iii. għall-produzzjoni ta' idroġenu rinnovabbli – proġetti ta' 3 MW jew inqas ta' kapaċità installata jew ekwivalenti;

   iv. għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan mill-iskart u r-residwi – proġetti ta' kapaċità installata ta' 25 000 tunnellata fis-sena jew inqas;

   v. għal proġetti 100 % proprjetà ta' SMEs jew ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli ta' 6 MW jew inqas ta' kapaċità installata;

   vi. għal proġetti 100 % proprjetà ta' intrapriżi żgħar jew mikrointrapriżi jew ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għall-ġenerazzjoni eolika biss – proġetti ta' 18-il MW jew inqas ta' kapaċità installata.

   Meta l-għajnuna għal proġetti żgħar ma tingħatax fi proċess kompetittiv ta' offerti, l-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-45 % tal-ispiża totali tal-investiment. L-intensità tal-għajnuna tista ' tiżdied b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil impriżi żgħar u b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil impriżi ta' daqs medju;

i. il-volumi tal-kapaċità jew tal-produzzjoni offruti jridu jiġu stabbiliti biex jiġi żgurat li l-proċess tal-offerti jkun effettivament kompetittiv. L-Istat Membru jrid jagħti prova tal-plawżibbiltà li l-volum offrut se jaqbel mal-offerta potenzjali tal-proġetti. Dan jista' jsir b'referenza għall-irkanti tal-passat, għall-miri tat-teknoloġija fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ([103]), jew bl-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' salvagwardja f'każ ta' riskju ta' offerti sottosottoskritti. F'każ ta' sottoskrizzjoni ripetuta ta' proċessi kompetittivi ta' offerti, l-Istat Membru għandu jintroduċi rimedji għal kwalunkwe skema futura li jinnotifika lill-Kummissjoni għall-istess teknoloġija;

---

([101]) Dawn il-fatturi jistgħu pereżempju jinkludu konfinament obbligatorju tal-popolazzjoni minħabba pandemija, jew interruzzjonijiet madwar id-dinja fil-katina tal-provvista tat-tagħmir meħtieġ għall-proġetti. Madankollu, dan ma jinkludix dewmien fil-kisba tal-permessi meħtieġa għall-proġett.

([102]) Bħal EUR għal kull tunnellata ta' tnaqqis ta' $CO_2$.

([103]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

j. l-għajnuna trid tkun imfassla biex tippreserva inċentivi operattivi u sinjali tal-prezzijiet effiċjenti. Barra minn hekk, l-għajnuna trid titfassal b'tali mod li tippermetti li jiġu indirizzati l-profitti mhux mistennija, inkluż fi żminijiet ta' prezzijiet estremament għoljin tal-elettriku jew tal-gass, bħal, billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rkupru definit *ex ante* jew billi tingħata l-għajnuna fil-forma ta' kuntratti bidirezzjonali għad-differenzi ([104]);

k. meta l-għajnuna tingħata għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, l-Istat Membru jrid jiżgura li l-idroġenu jiġi prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont il-metodoloġiji stabbiliti għall-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi għat-trasport ta' oriġini mhux bijoloġika fid-Direttiva (UE) 2018/2001;

l. l-għajnuna skont din il-miżura ma għandhiex tiġi kkombinata ma' għajnuna oħra għall-investiment għall-istess spejjeż eliġibbli;

m. l-għajnuna tista' tingħata għal investimenti li x-xogħlijiet għalihom bdew mill-20 ta' Lulju 2022; għal proġetti mibdija qabel l-20 ta' Lulju 2022, l-għajnuna tista' tingħata jekk ikun meħtieġ li jitħaffef jew jitwessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett. F'dawn il-każijiet, ikunu eliġibbli għall-għajnuna biss l-ispejjeż addizzjonali fir-rigward tal-isforzi ta' aċċellerazzjoni jew tal-ambitu mwessa';

n. l-għajnuna trid twassal lill-benefiċjarju biex jidħol għal investiment, li ma kienx jagħmel, jew li kieku kien iwettaq b'mod ristrett jew differenti, mingħajr l-għajnuna. Il-Kummissjoni tqis li, minħabba l-isfidi ekonomiċi eċċezzjonali li l-impriżi jiffaċċjaw minħabba l-kriżi attwali, ġeneralment huwa l-każ li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-benefiċjarji jkomplu l-attivitajiet tagħhom mingħajr bidliet, dment li t-tkomplija tal-attivitajiet tagħhom mingħajr bidliet ma tkunx tinvolvi ksur tad-dritt tal-Unjoni;

o. l-Istat Membru jrid jiżgura l-konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

(71) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għaż-żieda tal-kapaċità massima tal-installazzjonijiet eżistenti filwaqt li ma jsirux investimenti ulterjuri bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. l-installazzjoni eżistenti tkun ġiet konnessa mal-grilja qabel l-1 ta' Ottubru 2022 u bbenefikat minn għajnuna approvata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE jew ġiet eżentata minn notifika;

b. l-għajnuna hija meħtieġa biex tiżdied il-kapaċità massima tal-installazzjonijiet eżistenti sabiex il-kapaċità tagħhom tiżdied sa 1 MW għal kull installazzjoni jew ekwivalenti filwaqt li ma jitwettqux investimenti ulterjuri;

c. l-għajnuna tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023 u l-perjodu eliġibbli għall-appoġġ skont il-miżura ta' għajnuna għandu jintemm sal-31 ta' Diċembru 2023;

d. l-għajnuna tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 70(a), 70(b), 70(c), 70(d), 70(j) u 70(k);

e. l-għajnuna skont din il-miżura ma għandhiex tiġi kkombinata ma' għajnuna oħra li tkun tapoġġa l-istess kapaċità addizzjonali.

## 2.6. Għajnuna għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni industrijali permezz tal-elettrifikazzjoni u/jew l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u tal-idroġenu elettrolitiku li jissodisfa ċerti kundizzjonijiet u tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika

(72) Lil hinn mill-possibbiltajiet eżistenti disponibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, l-għajnuna mill-Istat biex jiġu ffaċilitati l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet industrijali, b'mod partikolari permezz tal-elettrifikazzjoni u t-teknoloġiji li jużaw l-idroġenu rinnovabbli u l-idroġenu elettrolitiku li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt 73(h), u f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika fl-industrija tifforma parti minn soluzzjoni xierqa, neċessarja u mmirata biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili importati fil-kuntest tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jitħaffef il-proċess għall-implimentazzjoni rapida ta' tali investimenti, ċerti simplifikazzjonijiet huma ġġustifikati.

([104]) Kuntratt għad-differenza jintitola lill-benefiċjarju għal pagament ugwali għad-differenza bejn prezz fiss "strike" u prezz ta' referenza – bħal prezz tas-suq, għal kull unità ta' output. Il-kuntratti għad-differenza jistgħu jinvolvu wkoll ħlasijiet lura mill-benefiċjarji lil kontribwenti jew konsumaturi għal perjodi li fihom il-prezz ta' referenza jaqbeż il-prezz tal-eżerċitar.

(73) Il-Kummissjoni se tikkunsidra kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE l-għajnuna għal investimenti li jwasslu għal (i) tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet industrijali li bħalissa jiddependu fuq il-fjuwils fossili bħala sors ta' enerġija jew materja prima, jew (ii) tnaqqis sostanzjali fil-konsum tal-enerġija f'attivitajiet u proċessi industrijali, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

a. l-għajnuna tiġi konċessa abbażi ta' skema b'baġit li jkun stmat;

b. l-ammont massimu ta' għajnuna individwali li jista' jingħata għal kull impriża, fil-prinċipju, ma għandux jaqbeż l-10 % tal-baġit totali disponibbli għal tali skema. B'ġustifikazzjoni xierqa pprovduta mill-Istat Membru lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' taċċetta skemi li jipprovdu għall-għoti ta' ammonti ta' għajnuna individwali li jaqbżu l-10 % tal-baġit totali disponibbli għall-iskema;

c. l-għajnuna tiġi konċessa fil-forma ta' għotjiet diretti, ħlas bil-quddiem ripagabbli, self, garanziji jew benefiċċji fuq it-taxxa;

d. l-investiment ([105]) irid jippermetti lill-benefiċjarju jagħmel waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(i) inaqqas b'mill-inqas 40 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel l-għajnuna, l-emissjonijiet diretti ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-installazzjoni industrijali tiegħu li bħalissa tiddependi fuq il-fjuwils fossili bħala sors ta' enerġija jew materja prima, permezz tal-elettrifikazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni, jew l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u l-idroġenu elettrolitiku li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punt 73(h) hawn taħt biex jissostitwixxi l-fjuwils fossili; għall-finijiet tal-verifika tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, għandhom jitqiesu wkoll l-emissjonijiet attwali mill-kombustjoni tal-bijomassa ([106]);

(ii) inaqqas b'mill-inqas 20 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel l-għajnuna, il-konsum tal-enerġija f'installazzjonijiet industrijali fir-rigward tal-attivitajiet megħjuna ([107]);

e. rigward l-investimenti relatati mal-attivitajiet koperti mill-Iskema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS), l-għajnuna twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjoni benefiċjarja u li jmorru taħt il-parametri referenzjarji rilevanti għall-allokazzjoni bla ħlas stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 ([108]);

f. l-għajnuna ma tridx tintuża biex tiffinanzja żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni globali tal-benefiċjarju;

g. meta l-għajnuna tingħata għal investiment industrijali fid-dekarbonizzazzjoni li jinvolvi l-użu tal-idroġenu rinnovabbli, l-Istat Membru jrid jiżgura li l-idroġenu użat jiġi prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli skont il-metodoloġiji stabbiliti għall-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika fid-Direttiva (UE) 2018/2001;

h. l-għajnuna tista' tingħata wkoll għal investiment industrijali fid-dekarbonizzazzjoni li jinvolvi l-użu tal-idroġenu prodott mill-elettriku f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(i) l-idroġenu jiġi prodott biss f'sigħat li fihom l-unità ta' ġenerazzjoni marġinali fiż-żona tal-offerti fejn l-elettrolizzatur ikun jinsab fil-perjodi ta' saldu tal-iżbilanċ meta l-elettriku jiġi kkunsmat, tkun impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mingħajr fossili. L-idroġenu prodott f'sigħat li fihom l-unità ta' ġenerazzjoni marġinali fiż-żona tal-offerti fejn l-elettrolizzatur ikun jinsab fil-perjodi ta' saldu tal-iżbilanċ meta l-elettriku jiġi kkunsmat tkun impjant tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u li diġà ingħadd bħala idroġenu rinnovabbli fis-sens tal-punt 73(g), ma jistax jingħadd għat-tieni darba taħt din it-taqsima;

([105]) L-għajnuna għal investimenti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra jew il-konsum tal-enerġija, inkluż taħt il-limiti fil-punt 73(d) ta' din il-Komunikazzjoni, tista' tiġi eżentata min-notifika sakemm ir-regoli fir-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa jiġu rispettati.

([106]) It-tnaqqis fl-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra jrid jitkejjel b'referenza għall-medja tal-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra li seħħew matul il-ħames snin ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna (emissjonijiet medji fuq bażi annwali).

([107]) It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija jrid jitkejjel b'referenza għall-konsum tal-enerġija li jkun seħħ matul il-ħames snin ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna (il-konsum medju fuq bażi annwali).

([108]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 15.3.2021, p. 29).

(ii) alternattivament, l-idroġenu jiġi prodott mill-elettriku meħud mill-grilja u l-elettrolizzatur jipproduċi l-idroġenu għal għadd ta' sigħat ta' tagħbija sħiħa daqs jew inqas mill-għadd ta' sigħat li fihom il-prezz marġinali tal-elettriku fiż-żona tal-offerti jkun ġie stabbilit minn installazzjonijiet li jipproduċu elettriku ħieles mill-fjuwils fossili; L-idroġenu prodott għal għadd ta' sigħat b'tagħbija sħiħa li jkunu daqs jew inqas mill-għadd ta' sigħat li fihom il-prezz marġinali tal-elettriku fiż-żona tal-offerti jkun ġie stabbilit minn installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku rinnovabbli u li jkun diġà ingħadd bħala idroġenu rinnovabbli skont it-tifsira tal-punt 73(g) ma jistax jingħadd għat-tieni darba f'din it-taqsima;

(iii) alternattivament, l-Istat Membru jrid jiżgura li l-idroġenu bbażat fuq l-elettriku użat jikseb iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' mill-inqas 70 % meta mqabbel ma' komparatur tal-fjuwils fossili ta' 94 g CO2eq/MJ u li joriġina minn sorsi ħielsa mill-fjuwils fossili. Il-metodu biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra allokati għall-elettriku m'għandux iwassal għal żieda fil-konsum tal-fjuwils fossili f'konformità mal-objettivi tar-REPowerEU. Għall-fini ta' din it-taqsima jista' jintuża biss is-sehem tal-idroġenu prodott li jikkorrispondi għas-sehem medju tal-elettriku minn impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mingħajr fossili, fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni. Is-sehem tal-idroġenu prodott f'konformità mal-punt preżenti li jikkorrispondi għas-sehem medju tal-elettriku minn impjanti tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni, ma jistax jingħadd għat-tieni darba f'din it-taqsima meta jkun diġà ġie kontabilizzat bħala idroġenu rinnovabbli skont it-tifsira tal-punt 73(g);

i. l-għajnuna tingħata sal-31 ta' Diċembru 2023 u hija soġġetta għall-kundizzjoni li l-installazzjoni jew it-tagħmir li għandu jiġi ffinanzjat mill-investiment irid jitlesta u jkun qed jopera bis-sħiħ fi żmien 30 xahar wara d-data tal-għoti jew fi żmien 36 xahar wara d-data tal-għoti għall-investimenti li jinvolvu l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u idroġenu bbażat fuq l-enerġija li jkun jissodisfa l-punt 73(h). Meta l-iskadenza għat-tlestija u l-bidu tal-operat tinqabeż, 5 % tal-ammont tal-għajnuna mogħtija irid jiġi rimborżat jew imnaqqas kull xahar wara l-ewwel tliet xhur ta' dewmien, b'żieda għal 10 % kull xahar ta' dewmien wara s-sitt xahar, sakemm id-dewmien ma jkunx dovut għal fatturi barra mill-kontroll tal-benefiċjarju tal-għajnuna, u ma setax jiġi previst b'mod raġonevoli ([109]). Jekk tiġi rispettata l-iskadenza għat-tlestija u l-bidu tal-operat, l-għajnuna fil-forma ta' ħlas bil-quddiem ripagabbli tinbidel f'għotjiet; jekk le, il-ħlas bil-quddiem ripagabbli għandu jiġi rimborżat f'pagamenti akkont annwali indaqs fi żmien ħames snin mid-data tal-konċessjoni tal-għajnuna;

j. l-għajnuna tista' tingħata għal investimenti li x-xogħlijiet għalihom bdew mill-20 ta' Lulju 2022; għal proġetti mibdija qabel l-20 ta' Lulju 2022, l-għajnuna tista' tingħata jekk ikun meħtieġ li jitħaffef jew jitwessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-investiment. F'dawn il-każijiet, ikunu eliġibbli għall-għajnuna biss l-ispejjeż addizzjonali fir-rigward tal-isforzi ta' aċċellerazzjoni jew tal-ambitu mwessa';

k. l-għajnuna ma tridx tingħata sempliċiment għal konformità mal-istandards applikabbli tal-Unjoni ([110]);

l. l-għajnuna trid twassal lill-benefiċjarju biex jidħol għal investiment, li ma kienx jagħmel, jew li kieku kien iwettaq b'mod ristrett jew differenti, mingħajr l-għajnuna. Il-Kummissjoni tqis li, minħabba l-isfidi ekonomiċi eċċezzjonali li l-impriżi jiffaċċjaw minħabba l-kriżi attwali, ġeneralment huwa l-każ li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-benefiċjarji jkomplu l-attivitajiet tagħhom mingħajr bidliet, dment li t-tkomplija tal-attivitajiet tagħhom mingħajr bidliet ma tinvolvix ksur tad-dritt tal-Unjoni;

m. l-ispejjeż eliġibbli huma d-differenza bejn l-ispejjeż tal-proġett megħjun u l-iffrankar tal-ispejjeż jew id-dħul addizzjonali, meta mqabbla mas-sitwazzjoni fin-nuqqas tal-għajnuna, matul il-ħajja tal-investiment;

([109]) Dawn il-fatturi jistgħu pereżempju jinkludu konfinament obbligatorju tal-popolazzjoni minħabba pandemija, jew interruzzjonijiet madwar id-dinja fil-katina tal-provvista tat-tagħmir meħtieġ għall-proġetti. Madankollu, dan ma jinkludix dewmien fil-kisba tal-permessi meħtieġa għall-proġett.

([110]) Kif definit fil-punt 19(89) tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1).

n. l-intensità tal-għajnuna ma tridx taqbeż 40 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-intensità tal-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal għajnuna mogħtija lil intrapriżi żgħar. L-intensità tal-għajnuna tista' tiżdied ukoll bi 15-il punt perċentwali għal investimenti li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % jew tal-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas 25 % meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel l-investiment ([111]);

o. bħala alternattiva għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 73(m) u 73(n), l-għajnuna għall-investiment tista' tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti li jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi li huma definiti ex ante u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi. Mill-inqas 70 % tal-kriterji tal-għażla totali użati għall-klassifikazzjoni tal-offerti jridu jiġu definiti f'termini ta' għajnuna għal kull unità ta' protezzjoni ambjentali (bħal EUR għal kull tunnellata ta' $CO_2$ imnaqqsa, jew EUR għal kull unità ta' enerġija ffrankata). Il-baġit relatat mal-proċess tal-offerti jrid ikun restrizzjoni vinkolanti fis-sens li jista' jkun mistenni li mhux l-offerenti kollha se jirċievu għajnuna;

p. l-iskema trid titfassal b'tali mod li tippermetti li jiġu indirizzati l-profitti mhux mistennija, inkluż fi żminijiet ta' prezzijiet estremament għoljin tal-elettriku jew tal-gass, billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rkupru definit *ex ante*;

q. l-għajnuna skont din it-taqsima ma għandhiex tiġi kkombinata ma' għajnuna oħra għall-istess spejjeż eliġibbli.

## 2.7. **Għajnuna għal tnaqqis addizzjonali fil-konsum tal-elettriku**

(74) Lil hinn mill-possibbiltajiet eżistenti disponibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE u mill-possibbiltajiet stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni, jista' jkun meħtieġ appoġġ temporanju biex jinkiseb it-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku kopert mill-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) 2022/1854 ([112]). Dak l-appoġġ jista' jgħin biex itaffi ż-żieda eċċezzjonali fil-prezzijiet tal-elettriku billi jnaqqas il-konsum għal teknoloġiji tal-ġenerazzjoni tal-elettriku aktar għaljin (attwalment ibbażati fuq il-gass). Għalhekk, huwa daqstant ieħor importanti li jinżammu l-inċentivi għat-tnaqqis eżistenti fil-konsum tal-elettriku u li tiġi żgurata l-konsistenza mal-miri tat-tnaqqis tad-domanda għall-gass stabbiliti fir-Regolament (UE) 2022/1369 ([113]). Fl-isfond tad-differenzi bejn l-Istati Membri, hija meħtieġa gwida biex jiġi żgurat li l-flessibbiltà tkun inkwadrata minn kriterji mmirati lejn l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi u l-preservazzjoni tal-integrità tas-suq uniku.

(75) Il-Kummissjoni se tqis l-għajnuna għal tnaqqis fil-konsum tal-elettriku bħala kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. l-għajnuna trid tipprovdi kumpens finanzjarju biss meta tali kumpens jitħallas għal elettriku addizzjonali mhux ikkunsmat meta mqabbel mal-konsum mistenni ("kontrofattwali") fis-siegħa kkonċernata mingħajr il-proċess kompetittiv tal-offerti msemmi fil-punt 75(e) ("tnaqqis addizzjonali fil-konsum"). Sabiex jiġi ddeterminat it-tnaqqis addizzjonali fil-konsum, jistgħu jintużaw metodoloġiji differenti. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tingħata biss għal tnaqqis addizzjonali fid-domanda, l-Istati Membri għandhom b'mod ġenerali jqisu l-inċentivi minn prezzijiet ogħla tal-enerġija, kwalunkwe inċentiv minn pagamenti u skemi oħra ta' appoġġ, il-kundizzjonijiet tat-temp, u r-riskji ta' spekulazzjoni;

b. l-għajnuna trid tkun imfassla biex tikkontribwixxi primarjament biex tintlaħaq mira ta' tnaqqis fil-konsum tal-elettriku stabbilita fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (UE) 2022/1854 ([114]). Jekk l-għajnuna tkun imfassla biex tmur lil hinn mill-miri, l-Istat Membru jrid juri l-eżistenza ta' benefiċċji addizzjonali tal-għajnuna (pereżempju, tnaqqis fl-ispejjeż tas-sistema tal-enerġija jew tnaqqis fil-konsum tal-gass), li huma meħtieġa ([115]) u proporzjonati biex jirrimedjaw it-taqlib serju tal-ekonomija filwaqt li jippreservaw is-suq intern;

([111]) It-tnaqqis fl-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra jew fil-konsum tal-enerġija jrid jitkejjel b'referenza għall-medja tal-emissjonijiet diretti ta' gassijiet serra jew tal-konsum tal-enerġija li jkun seħħ matul il-ħames snin ta' qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna (emissjonijiet/konsum medji fuq bażi annwali).

([112]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).

([113]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

([114]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).

([115]) Tali għajnuna ġeneralment se titqies meħtieġa jekk din tikkontribwixxi biex jinkiseb tnaqqis fil-konsum tal-gass.

c. l-għajnuna trid tiġi konċessa abbażi ta' skema b'estimi tal-volum u baġitarji;

d. l-għajnuna tista' tingħata f'diversi forom inklużi għotjiet diretti, self u garanziji;

e. l-għajnuna trid tingħata fi proċess kompetittiv ta' offerti li jkun miftuħ, ċar, trasparenti u mhux diskriminatorju, ibbażat fuq kriterji oġġettivi li huma definiti *ex ante* u li jimminimizzaw ir-riskju ta' offerti strateġiċi. Jekk jiġi identifikat riskju ta' kumpens żejjed, l-għajnuna trid titfassal b'tali mod li tippermetti l-indirizzar ta' profitti mhux mistennija, bħal, pereżempju, billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rkupru definit *ex ante*;

f. il-proċess(i) kompetittiv(i) ta' offerti għandu/għandhom fil-prinċipju jkun/u miftuħ/a għall-modi kollha possibbli biex jinkiseb tnaqqis addizzjonali fil-konsum, b'mod partikolari:

   i. li l-konsumaturi jaqilbu jew jevitaw il-konsum tal-elettriku;

   ii. sistemi ta' ħżin konnessi wara l-miter (behind-the-meter), biex jitnaqqas il-konsum matul is-sigħat l-aktar intensivi (sakemm l-għajnuna ma twassalx għal xi tnaqqis addizzjonali fil-konsum); kif ukoll

   iii. assi ta' ġenerazzjoni tal-elettriku konnessi wara l-miter (behind-the-meter) li ma jużawx il-gass bħala fjuwil. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jeskludu l-ġenerazzjoni bbażata fuq fjuwils fossili oħra;

g. fir-rigward tal-punt 75 (f), l-iskemi jistgħu jkunu limitati għal kategorija waħda jew aktar ta' benefiċjarji f'waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

   i. meta d-differenzi fil-karatteristiċi (eż. id-durata, il-frekwenza tal-attivazzjoni) tas-servizzi li jistgħu jiġu offruti mill-benefiċjarji potenzjali jkunu tali li l-offerti għal kull MWh ma jistgħux jitqiesu komparabbli;

   ii. meta l-Istati Membri jistgħu juru lill-Kummissjoni li l-kompetizzjoni ma tkunx distorta bla bżonn; jew

   iii. biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha (eż. billi jiġu estiżi l-iskemi eżistenti);

   Fi kwalunkwe każ, l-iskemi ma għandhom jinkludu l-ebda limitazzjoni jew diskriminazzjoni artifiċjali. Skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva (UE) 2019/944 ([116]), l-iskemi ma jridux ikunu limitati bla bżonn għal klijenti jew gruppi ta' klijenti speċifiċi, inklużi aggregaturi;

h. il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fil-proċess(i) kompetittiv(i) ta' offerti jridu jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji. Il-benefiċjarji jridu ikollhom diġà kejl xieraq tal-elettriku ([117]) jew jimpenjaw ruħhom li jinstallawh qabel ma jsir it-tnaqqis addizzjonali fil-konsum. Jista' japplika rekwiżit tad-daqs minimu tal-offerta għall-benefiċjarji għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni amministrattiva; f'dan il-każ, id-daqs minimu tal-offerta ma jridx ikun ogħla minn 10 MW u l-aggregazzjoni biex jintlaħaq il-limitu trid tkun permessa;

i. sabiex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jipprezzaw l-offerti tagħhom b'mod preċiż, iridu jiġu definiti kriterji ċari u oġġettivi u jridu jiddeskrivu meta se jiġi attivat it-tnaqqis addizzjonali fil-konsum tal-benefiċjarju. Madankollu, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji suffiċjenti – pereżempju ċerta każwalizzazzjoni tal-attivazzjoni – biex jiġi evitat il-ħolqien ta' inċentivi ta' spekulazzjoni bħal inflazzjoni artifiċjali tal-elementi kontrofattwali;

j. sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi fuq il-konsum tal-gass, il-benefiċjarji għandhom jimpenjaw ruħhom li t-tnaqqis addizzjonali tagħhom fil-konsum tal-elettriku ma jwassalx għal żieda fil-konsum globali tal-gass tagħhom. Barra minn hekk, sabiex l-għajnuna tnaqqas il-konsum tal-elettriku matul is-sigħat meta jkun hemm l-ikbar domanda, biex jitwasslu l-benefiċċji tat-trasferiment tal-elettriku minn ħinijiet tal-akbar domanda (peak) għal ħinijiet li mhumiex tal-akbar domanda ("off-peak") ([118]) filwaqt li l-mira ta' tnaqqis tal-konsum globali tal-elettriku ma tiġix ostakolata, il-benefiċjarji għandhom jimpenjaw ruħhom li matul is-sigħat li mhumiex tal-akbar domanda ma jikkunsmawx aktar minn 150 % tat-tnaqqis ikkumpensat tal-konsum tal-elettriku waqt ħinijiet "peak";

([116]) Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

([117]) jiġifieri metraġġ li jkejjel il-konsum b'mod separat meta jkun meħtieġ tnaqqis addizzjonali fid-domanda u meta dan ma jkunx.

([118]) "off-peak" trid tiġi definita li l-konsum tal-elettriku ġeneralment jiġi evitat meta l-gass jintuża għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

k. fil-proċess kompetittiv ta' offerti, il-benefiċjarji jridu jintgħażlu abbażi tal-aktar kost unitarju baxx ta' tnaqqis addizzjonali fil-konsum (f'EUR/MWh jew ekwivalenti ([119])). L-Istati Membri jistgħu jintroduċu kriterji ta' klassifikazzjoni oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji addizzjonali biex jippromwovu teknoloġiji aktar ekoloġiċi meħtieġa biex jappoġġaw it-twettiq tal-objettivi tal-protezzjoni ambjentali tal-Unjoni;

l. ir-remunerazzjoni trid tingħata lil kull benefiċjarju abbażi tat-tnaqqis addizzjonali attwali tal-konsum miksub (għall-kuntrarju tat-tnaqqis addizzjonali fil-konsum li l-benefiċjarju impenja ruħu li jikseb);

m. l-għajnuna ma tridx tfixkel bla bżonn il-funzjonament xieraq tas-suq intern tal-elettriku. L-Istati Membri jistgħu jiftħu l-għajnuna għall-parteċipazzjoni transfruntiera;

n. it-tnaqqis addizzjonali fil-konsum li jiġi kkumpensat irid isir fil-perjodu ta' applikazzjoni tal-Artikolu/i rilevanti tar-Regolament (UE) 2022/1854 ([120]), jew fil-każ ta' għajnuna li tmur lil hinn minn dawk il-miri, sal-31 ta' Diċembru 2023;

o. akkumulazzjoni ma' miżuri oħra ta' għajnuna mill-Istat hija possibbli, sakemm jiġi evitat kumpens żejjed billi jiġi żgurat pereżempju li l-għajnuna tingħata permezz ta' proċess ta' offerti kompetittiv miftuħ. Fi kwalunkwe każ, l-għajnuna ma tistax tingħata jekk tkopri spejjeż eliġibbli li diġà huma koperti minn miżuri oħra ta' għajnuna mill-Istat.

## 3. **MONITORAĠĠ U RAPPORTAR**

(76) L-Istati Membri huma obbligati li jippubblikaw informazzjoni rilevanti dwar kull għajnuna individwali ta' iktar minn EUR 100 000 ([121]) li tiġi mogħtija skont din il-Komunikazzzjoni, u ta' iktar minn EUR 10 000 ([122]) fis-setturi primarji tal-agrikoltura u tas-sajd, fis-sit web komprensiv dwar l-għajnuna mill-Istat jew fl-għodda tal-IT tal-Kummissjoni ([123]) fi żmien 12-il xahar mill-mument tal-għoti.

(77) Għall-miżuri ta' għajnuna skont it-taqsima 2.4. ta' din il-Komunikazzjoni, meta l-għajnuna globali għal kull impriża taqbeż il-EUR 50 miljun, l-Istati Membri jridu jinkludu fl-iskemi tagħhom rekwiżit li l-benefiċjarju jrid jippreżenta lill-awtorità tal-għoti, fi żmien sena mill-mument tal-għoti tal-għajnuna, pjan li jispeċifika kif il-benefiċjarju se jnaqqas il-marka tal-karbonju tal-konsum tal-enerġija tiegħu jew kif se jimplimenta kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni ambjentali jew mas-sigurtà tal-provvista deskritti fil-punt 33 ta' din il-Komunikazzjoni. Dan ir-rekwiżit japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

(78) L-Istati Membri jridu jippreżentaw rapporti annwali lill-Kummissjoni ([124]).

(79) L-Istati Membri jridu jiggarantixxu li tinżamm dokumentazzjoni dettaljata rigward l-għoti tal-għajnuna u li jsir provvediment għaliha f'din il-Komunikazzjoni. Tali dokumentazzjoni, li jrid ikun fiha l-informazzjoni kollha neċessarja biex ikun jista' jiġi stabbilit li jkunu ġew osservati l-kundizzjonijiet neċessarji, trid tinżamm għal 10 snin wara li tkun ingħatat l-għajnuna u tingħata lill-Kummissjoni meta tintalab.

(80) Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali rigward l-għajnuna mogħtija, b'mod partikolari, sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-miżura ta' għajnuna ikunux issodisfati.

---

([119]) Pereżempju, meta l-benefiċjarji jintgħażlu abbażi tal-prezz tal-kapaċità (EUR/MW) għat-tnaqqis fil-konsum matul għadd fiss ta' sigħat. F'dan il-każ, in-numru ta' sigħat irid jiġi definit *ex ante*.

([120]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, (ĠU L 261I, 7.10.2022, p. 1).

([121]) Tirreferi għall-informazzjoni meħtieġa fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 u tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014. Għall-ħlas bil-quddiem ripagabbli, għall-garanziji, għas-self, għas-self subordinat u għal forom oħra, għandu jiddaħħal il-valur nominali tal-istrument sottostanti għal kull benefiċjarju. Għall-benefiċċji fuq it-taxxa u fuq il-pagamenti, l-ammont tal-għajnuna individwali jista' jiġi indikat f'firxiet.

([122]) Tirreferi għall-informazzjoni meħtieġa fl-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 702/2014 u tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014. Għall-ħlas bil-quddiem ripagabbli, għall-garanziji, għas-self, għas-self subordinat u għal forom oħra, għandu jiddaħħal il-valur nominali tal-istrument sottostanti għal kull benefiċjarju. Għall-benefiċċji fuq it-taxxa u fuq il-pagamenti, l-ammont tal-għajnuna individwali jista' jiġi indikat f'firxiet.

([123]) It-tiftix pubbliku dwar it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat jagħti aċċess għal *data* dwar għotjiet individwali ta' għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti Ewropej ta' trasparenza għall-għajnuna mill-Istat u huwa disponibbli fi https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public?lang=en.

([124]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.

(81) Sabiex tissorvelja l-implimentazzjoni ta’ din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tista’ titlob lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aggregata dwar l-użu ta’ miżuri ta’ għajnuna mill-Istat biex jiġi rrimedjat it-taqlib serju tal-ekonomija minħabba l-kriżi attwali u l-miżuri restrittivi relatati.

## 4. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(82) Il-Kummissjoni tapplika din il-Komunikazzjoni mit-28 ta’ Ottubru 2022. Il-Kummissjoni tapplika d-dispożizzjonijiet ta’ din il-Komunikazzjoni fil-konfront tal-miżuri kollha notifikati mit-28 ta’ Ottubru 2022, kif ukoll għal miżuri li ġew notifikati qabel dik id-data.

(83) Din il-Komunikazzjoni tissostitwixxi l-Qafas Temporanju ta’ Kriżi adottat fit-23 ta’ Marzu 2022 ([125]) kif emendat fl-20 ta’ Lulju 2022 ([126]) (“Qafas Temporanju ta’ Kriżi preċedenti). Dan il-Qafas Temporanju ta’ Kriżi ġie rtirat b’effett mis-27 ta’ Ottubru 2022.

(84) B’mod ġenerali, l-għajnuna mogħtija skont it-taqsimiet 2.1 sa 2.3 tal-Qafas Temporanju ta’ Kriżi preċedenti u l-għajnuna mogħtija skont l-istess taqsimiet rispettivi ta’ din il-Komunikazzjoni ma jistgħux jaqbżu l-limiti massimi tal-għajnuna pprovduti fit-taqsimiet rispettivi ta’ din il-Komunikazzjoni fi kwalunkwe mument. Fir-rigward tat-Taqsima 2.4, l-għajnuna mogħtija skont il-Qafas Temporanju ta’ Kriżi preċedenti u l-għajnuna mogħtija skont din il-Komunikazzjoni ma jistgħux jaqbżu l-limiti massimi tal-għajnuna pprovduti minn din il-Komunikazzjoni għall-istess perjodu eliġibbli. L-għajnuna mogħtija skont it-Taqsimiet 2.5 u 2.6 tal-Qafas Temporanju ta’ Kriżi preċedenti ma tistax tiġi akkumulata ma’ għajnuna mogħtija fl-istess taqsimiet rispettivi ta’ din il-Komunikazzjoni jekk tkopri l-istess spejjeż eliġibbli.

(85) Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta’ għajnuna illegali mill-Istat ([127]), il-Kummissjoni tapplika din il-Komunikazzjoni għal għajnuna mhux notifikata jekk l-għajnuna tingħata wara t-28 ta’ Ottubru 2022.

(86) Fil-każijiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni se tapplika r-regoli stabbiliti fil-Qafas Temporanju ta’ Kriżi fis-seħħ meta ngħatat l-għajnuna.

(87) Il-Kummissjoni se tirrevedi t-taqsimiet kollha f’din il-Komunikazzjoni qabel il-31 ta’ Diċembru 2023 fuq il-bażi ta’ kunsiderazzjonijiet importanti ta’ kompetizzjoni jew ekonomiċi, kif ukoll l-iżviluppi internazzjonali. Meta jkun ta’ għajnuna, il-Kummissjoni tista’ wkoll tipprovdi kjarifiki ulterjuri dwar il-metodu tagħha fir-rigward ta’ kwistjonijiet partikolari.

(88) Il-Kummissjoni, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati, tiżgura li l-miżuri se jiġu vvalutati malajr malli jkun hemm in-notifika ċara u kompluta tal-miżuri koperti minn din il-Komunikazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jinformaw lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħhom u jinnotifikaw il-pjanijiet tagħhom li jintroduċu tali miżuri kemm jista’ jkun malajr u bil-mod l-aktar komprensiv possibbli. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida u assistenza lill-Istati Membri f’dan il-proċess.

---

([125]) ĠU C 131I, 24.3.2022, p. 1.
([126]) ĠU C 280, 21.7.2022, p. 1.
([127]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

*ANNESS I*

**Setturi u sottosetturi partikolarment affettwati** ([1])

| | Kodiċi NACE | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 1 | 0510 | Estrazzjoni ta' faħam iebes mill-minjieri |
| 2 | 0610 | Estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat |
| 3 | 0710 | Estrazzjoni ta' minerali tal-ħadid |
| 4 | 0729 | Estrazzjoni ta' minerali oħra ta' metalli mhux ferrużi mill-minjieri |
| 5 | 0891 | Estrazzjoni ta' minerali kimiċi u fertilizzanti mill-minjieri |
| 6 | 0893 | Estrazzjoni ta' melħ |
| 7 | 0899 | Estrazzjoni oħra mill-minjieri u l-barrieri m.k.b. |
| 8 | 1041 | Manifattura ta' żjut u xaħmijiet |
| 9 | 1062 | Manifattura ta' lamti u prodotti oħra tal-lamtu |
| 10 | 1081 | Manifattura ta' zokkor |
| 11 | 1106 | Manifattura ta' xgħir |
| 12 | 1310 | Tħejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti |
| 13 | 1330 | Irfinar ta' tessuti |
| 14 | 1395 | Manifattura ta' oġġetti mhux minsuġa u oġġetti oħra magħmula minn oġġetti mhux minsuġa, għajr ilbies |
| 15 | 1411 | Manifattura ta' ħwejjeġ tal-ġilda |
| 16 | 1621 | Manifattura ta' folji tal-veneer u pannelli tal-injam |
| 17 | 1711 | Manifattura ta' polpa |
| 18 | 1712 | Manifattura ta' karta u kartun |
| 19 | 1910 | Manifattura ta' prodotti tal-forn tal-kokk |
| 20 | 1920 | Manifattura ta' prodotti tal-petroleum raffinat |
| 21 | 2011 | Manifattura ta' gassijiet industrijali |
| 22 | 2012 | Manifattura ta' kuluranti u pigmenti |
| 23 | 2013 | Manifattura ta' prodotti kimiċi bażiċi inorganiċi oħra |
| 24 | 2014 | Manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi organiċi oħra |
| 25 | 2015 | Manifattura ta' fertilizzanti u taħlitiet tan-nitroġenu |
| 26 | 2016 | Manfattura ta' plastik f'forom primarji |
| 27 | 2017 | Manifattura ta' lasktu sintetiku f'forom primarji |
| 28 | 2060 | Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem |
| 29 | 2110 | Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi |
| 30 | 2311 | Manifattura ta' ħġieġ ċatt |
| 31 | 2313 | Manifattura ta' ħġieġ imħaffer |

([1]) Is-(sotto) setturi elenkati b'referenza għall-intensità tal-emissjonijiet u l-intensità tal-kummerċ tagħhom jikkorrispondu għal dawk elenkati fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708 tal-15 ta' Frar 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-determinazzjoni ta' setturi u sottosetturi meqjusa li jinsabu f'riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-perjodu 2021-2030 (ĠU L 120, 8.5.2019, p. 20s).

| | | |
|---|---|---|
| 32 | 2314 | Manifattura ta' fibri tal-ħġieġ |
| 33 | 2319 | Manifattura u ipproċessar ta' ħġieġ ieħor, inkluż oġġetti tal-ħġieġ tekniċi |
| 34 | 2320 | Manifattura ta' prodotti refrattarji |
| 35 | 2331 | Manifattura ta' madum u ċangaturi taċ-ċeramika |
| 36 | 2332 | Manifattura ta' briks, madum u prodotti tal-kostruzzjoni, magħmula mit-tafal moħmi |
| 37 | 2341 | Manifattura ta' oġġetti tad-dar u tat-tiżjin magħmula miċ-ċeramika |
| 38 | 2342 | Manifattura ta' tagħmir sanitarju taċ-ċeramika |
| 39 | 2351 | Manifattura ta' siment |
| 40 | 2352 | Manifattura ta' ġir u ġibs |
| 41 | 2399 | Manifattura ta' prodotti oħra mhux metalliċi m.k.b. |
| 42 | 2410 | Manifattura ta' ħadid u azzar bażiċi u ta' ligi tal-ħadid |
| 43 | 2420 | Manifattura ta' tubi, pajpijiet, profili vojta u tagħmir relatat, tal-azzar |
| 44 | 2431 | Ġbid ta' vireg bil-kiesaħ |
| 45 | 2442 | Produzzjoni tal-aluminju |
| 46 | 2443 | Produzzjoni ta' ċomb, żingu u landa |
| 47 | 2444 | Produzzjoni ta' ram |
| 48 | 2445 | Produzzjoni ta' metalli oħrajn mhux ferrużi |
| 49 | 2446 | Ipproċessar ta' fjuwil nukleari |
| 50 | 2451 | Ikkastjar ta' ħadid |

| | Kodiċi Prodcom | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 1 | 81221 | Kawlina u tafal ieħor bil-kawlina |
| 2 | 10311130 | Patata friżata, ippreparata jew ippreżervata (inkluż patata msajra jew nofs sajran fiż-żejt u mbagħad friżata; minbarra bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku) |
| 3 | 10311300 | Patata mnixxfa f'forma ta' dqiq, dqiq mitħun oħxon, laqx, granuli u pellets |
| 4 | 10391725 | Polpa u pejst tat-tadam, konċentrati |
| 5 | 105122 | Trab ta' ħalib sħiħ |
| 6 | 105121 | Trab ta' ħalib xkumat |
| 7 | 105153 | Kaseina |
| 8 | 105154 | Lattożju u xropp tal-lattożju |
| 9 | 10515530 | Xorrox u xorrox mibdul tat-trab, imrammel jew f'forom oħra solidi, kemm jekk konċentrat kif ukoll jekk iħaddan sustanza li tagħmlu iżjed ħelu |
| 10 | 10891334 | Ħmira tal-furnara |
| 11 | 20302150 | Enamel u żmalti vitrifjabbli, engobes (ħalib) u preparazzjonijiet simili għaċ-ċeramika, l-enamel jew ħġieġ |
| 12 | 20302170 | Lostri likwidi u preparazzjonijiet simili; ħġieġ frit u ħġieġ ieħor f'forma ta' trab; granulat jew laqx |
| 13 | 25501134 | Partijiet tal-ħadid ifforġjati ta' dada miftuħa għal xaftijiet ta' trażmissjoni, kamxafts, krankxafts u krankijiet, eċċ. |

*ANNESS II*

## Tabella ta’ korrelazzjoni

| **Qafas Temporanju ta’ Kriżi adottat fit-23 ta’ Marzu 2022 kif emendat fl-20 ta’ Lulju 2022** | | **Dan il-Qafas Temporanju ta’ Kriżi** | |
|---|---|---|---|
| Punti | (1)-(14) | Punti | (1)-(14) |
| Punt | 14bis | Punt | 15 |
| | | Punti Ġodda | (16)-(17) |
| Punt | 15 | Punt | 18 |
| Punt | 16 | Punt | 19 |
| Punt | 17 | Punt | 20 |
| Punt | 18 | Punt | 21 |
| Punt | 19 | Punt | 22 |
| | | Punti Ġodda | (23)-(24) |
| Punt | 20 | Punt | 25 |
| Punt | 21 | Punt | 26 |
| Punt | 22 | Punt | 27 |
| Punt | 23 | Punt | 28 |
| | | Punti Ġodda | (29)-(32) |
| Punt | 24 | Punt | 33 |
| Punt | 25 | Punt | 34 |
| Punt | 25bis | Punt | 35 |
| Punt | 26 | Punt | 36 |
| Punt | 26bis | Punt | 37 |
| Punt | 26ter | Punt | 38 |
| Punt | 26quarter | Punt | 39 |
| Punt | 26quinquies | Punt | 40 |
| Punt | 27 | Punt | 41 |
| Punt | 28 | Punt | 42 |
| Punt | 29 | Punt | 43 |
| Punt | 30 | Punt | 44 |
| Punt | 31 | Punt | 45 |
| Punt | 32 | Punt | 46 |
| Punt | 33 | Punt | 47 |
| Punt | 34 | Punt | 48 |
| Punt | 35 | Punt | 49 |
| Punt | 36 | Punt | 50 |
| Punt | 37 | Punt | 51 |
| Punt | 38 | Punt | 52 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Punt | 39 | Punt | 53 |
| Punt | 40 | Punt | 54 |
| Punt | 41 | Punt | 55 |
| Punt | 42 | Punt | 56 |
| Punt | 43 | Punt | 57 |
| Punt | 44 | Punt | 58 |
| Punt | 45 | Punt | 59 |
| Punt | 46 | Punt | 60 |
| Punt | 47 | Punt | 61 |
| | | Subittra ġdida | 61 (g) |
| Punt | 47 (g) | Punt | 61(h) |
| Punt | 47 (h) | Punt | 61(i) |
| Punt | 48 | Punt | 62 |
| Punt | 49 | Punt | 63 |
| Punt | 50 | Punt | 64 |
| Punt | 51 | Punt | 65 |
| Punt | 52 | Punt | 66 |
| Punt | 53 | Punt | 67 |
| | | Punt Ġdid | 68 |
| Punt | 53bis | Punt | 69 |
| Punt | 53ter | Punt | 70 |
| | | Punt Ġdid | 71 |
| Punt | 53quarter | Punt | 72 |
| Punt | 53quinquies | Punt | 73 |
| | | Punti Ġodda | (74)-(75) |
| Punt | 54 | Punt | 76 |
| | | Punt Ġdid | 77 |
| Punt | 55 | Punt | 78 |
| Punt | 56 | Punt | 79 |
| Punt | 57 | Punt | 80 |
| Punt | 58 | Punt | 81 |
| Punt | 59 | Punt | 82 |
| | | Punti Ġodda | (83)-(86) |
| Punt | 60 | Punt | 87 |
| Punt | 61 | Punt | 88 |

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Il-Każ M.10950 — OTPP / MAHINDRA / MSPL)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 426/02)

Fl-4 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32022M10950. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

### Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2186, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890

(2022/C 426/03)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2186 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 2019/1890, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet deżinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 u fir-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li jkomplu japplikaw għal dawk il-persuni u l-entitajiet.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà ta' rikors lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat/i Membru(i) rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 9 tar-Regolament).

Il-persuni kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-listi msemmijin hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, qabel il-15 ta' Lulju 2023, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-finijiet tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 u l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/1890.

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47.
([2]) ĠU L 288, 9.11.2022, p. 81.

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran**

(2022/C 426/04)

Qed tinġibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725.

Il-bażijiet ġuridiċi għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2186 ([1]), u r-Regolament (UE) 2019/1890.

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa RELEX.1 fid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Barranin, Tkabbir u Protezzjoni Ċivili - RELEX fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

L-iskop tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2186, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stabbilit fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 u fir-Regolament (UE) 2019/1890.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra marbuta magħha.

Id-data personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont kif ikun meħtieġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jingħata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal 5 snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).

([1]) ĠU L 288, 9.11.2022, p. 81.

**Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2178, u fir-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2177 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma**

(2022/C 426/05)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK [1], kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2178 [2], u fl-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru°401/2013 [3], kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2177 [4] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Annessi msemmijin hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2013/184/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (irreferi għall-Artikolu 4b tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li tinkludihom fil-listi msemmija hawn fuq tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġejqabel it-3 ta' Marzu 2023:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1.
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2013/184/PESK u l-Artikolu 4i(4) tar-Regolament (UE) Nru 401/2013.

L-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li tiġi kkontestata d-Deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 275, u r-raba' u s-sitt paragrafi tal-Artikolu 263, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

---

(1) ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75.
(2) ĠU L 286, 8.11.2022, p. 12.
(3) ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1.
(4) ĠU L 286, 8.11.2022, p. 1.

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/184/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 401/2013 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Myanmar/Burma**

(2022/C 426/06)

Qed tinġibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni 2013/184/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2178 ([2]), u r-Regolament (UE) Nru 401/2013 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2177 ([4]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa d-Dipartiment RELEX.1 fid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni - RELEX tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1.
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

L-iskop tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni 2013/184/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/2178, u r-Regolament (UE) Nru 401/2013, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/2177.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulati fid-Deċiżjoni 2013/184/PESK u r-Regolament (UE) Nru 401/2013.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni korretta tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kwalunkwe data oħra relatata ma' din.

Id-data personali miġbura tista' titqassam skont kif ikun meħtieġ lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, it-talbiet marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt għal aċċess, kif ukoll id-drittijiet għal rettifika jew għal oġġezzjoni ser jitwieġbu f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).

---

([1]) ĠU L 111, 23.4.2013, p. 75.
([2]) ĠU L 286, 8.11.2022, p. 12.
([3]) ĠU L 121, 3.5.2013, p. 1.
([4]) ĠU L 286, 8.11.2022, p. 1.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**It-8 ta’ Novembru 2022**

(2022/C 426/07)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 0,9996 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3489 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 146,25 | HKD | Dollaru ta’ Hong Kong | 7,8468 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4378 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6860 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87378 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4022 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,8373 | KRW | Won tal-Korea t’Isfel | 1 377,94 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 0,9911 | ZAR | Rand ta’ l-Afrika t’Isfel | 17,8397 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 146,30 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,2495 |
| NOK | Krona Norveġiża | 10,2795 | HRK | Kuna Kroata | 7,5390 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 652,76 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,326 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7346 |
| HUF | Forint Ungeriż | 400,75 | PHP | Peso Filippin | 58,187 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,6918 | RUB | Rouble Russu | |
| RON | Leu Rumen | 4,8978 | THB | Baht Tajlandiż | 37,220 |
| TRY | Lira Turka | 18,5991 | BRL | Real Brażiljan | 5,2030 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5435 | MXN | Peso Messikan | 19,4495 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 81,5180 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta’ referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar flussi transfruntiera ta' *data* fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika**

(2022/C 426/08)

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS https://edps.europa.eu)*

Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar flussi transfruntiera ta' *data* fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ([1]).

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal sħubija ekonomika ([2]) ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 2018. L-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa, b'mod partikolari, li titneħħa l-maġġoranza vasta tad-dazji mħallsa minn kumpaniji tal-UE u dawk Ġappuniżi u ostakli tekniċi u regolatorji oħra għall-kummerċ.

Fit-23 ta' Jannar 2019, il-Ġappun ingħata konstatazzjoni tal-adegwatezza mill-Kummissjoni. Konsegwentement, it-trasferimenti ta' *data* personali minn kontrollur jew proċessur fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) lil organizzazzjonijiet fil-Ġappun koperti mid-deċiżjoni ta' adegwatezza jistgħu jsiru mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb xi awtorizzazzjoni ulterjuri.

L-EDPS jieħu nota li n-negozjati jkunu jikkonċernaw esklużivament il-flussi transfruntiera ta' *data*. Wara li kkunsidra l-fatt li l-Ġappun diġà ngħata konstatazzjoni ta' adegwatezza mill-Kummissjoni fl-2019, l-EDPS jirrakkomanda li jiġu spjegati fid-dettall ir-raġunijiet għalfejn, minkejja din id-deċiżjoni ta' adegwatezza, jitqiesu meħtieġa negozjati ulterjuri dwar il-flussi transfruntiera ta' *data*.

L-EPDS jilqa' l-ispeċifikazzjoni li d-dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera ta' *data* għandhom ikunu koerenti mad-dispożizzjonijiet orizzontali għall-flussi transfruntiera ta' *data* u l-protezzjoni ta' *data* personali fin-negozjati kummerċjali. Id-dispożizzjonijiet orizzontali, ippubblikati mill-Kummissjoni f'Lulju 2018, jirrappreżentaw kompromess ibbilanċjat bejn l-interessi pubbliċi u privati billi jippermettu lill-UE tindirizza prattiki protezzjonisti f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-kummerċ diġitali, filwaqt li jiżguraw li l-ftehimiet kummerċjali ma jkunux jistgħu jintużaw biex jiġi kkontestat il-livell għoli ta' protezzjoni ggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ta' *data* personali.

L-EDPS jifhem id-direttivi ta' negozjati u d-dispożizzjonijiet orizzontali bħala li jippermettu, f'każijiet debitament ġustifikati, miżuri li jkunu jirrikjedu li l-kontrolluri jew il-proċessuri jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE. L-EDPS ifakkar li, flimkien mal-EDPB, huwa rrakkomanda reċentement li l-kontrolluri u l-proċessuri, stabbiliti fl-UE/fiż-ŻEE u l-ipproċessar ta' *data* elettronika personali dwar is-saħħa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, jenħtieġ li jkunu meħtieġa jaħżnu din id-*data* fl-UE/fiż-ŻEE, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi ttrasferita *data* elettronika personali dwar is-saħħa f'konformità mal-Kapitolu V tal-GDPR ([3]). Biex jiġi evitat kull dubju, l-EDPS jirrakkomanda li fid-direttivi ta' negozjati jiġi kkjarifikat espressament li r-regoli nnegozjati ma għandhomx jipprevjenu lill-UE jew lill-Istati Membri milli jadottaw, f'każijiet debitament ġustifikati, miżuri li jkunu jirrikjedu li l-kontrolluri jew il-proċessuri jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE.

([1]) COM(2022) 336 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52022PC0336&from=FR
([2]) ĠU L 330, 27.12.2018, p. 3.
([3]) Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.).

## 1. INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar flussi transfruntiera ta' *data* fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("ir-Rakkomandazzjoni").

2. Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2012, il-Kunsill approva direttivi ta' negozjati għall-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġappun, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni nnegozjat il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, iffirmat fis-17 ta' Lulju 2018 ("il-Ftehim"). Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019. L-objettiv tal-Ftehim huwa, b'mod partikolari, li titneħħa l-maġġoranza vasta tad-dazji mħallsa minn kumpaniji tal-UE u Ġappuniżi u ostakli tekniċi u regolatorji oħra għall-kummerċ.

3. Il-Kapitolu 8 tal-Ftehim fih dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ fis-servizzi, il-liberalizzazzjoni tal-investiment u l-kummerċ elettroniku. L-Artikolu 8.81 tal-Ftehim, li jirrigwarda l-fluss liberu tad-*data*, jipprevedi li "l-Partijiet għandhom jivvalutaw mill-ġdid, fi żmien tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-ħtieġa għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-fluss liberu tad-*data* f'dan il-Ftehim". Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Marzu 2022, il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22.1 tal-Ftehim eżamina jekk is-sħubija ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun tkunx tibbenefika mill-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera ta' *data* fil-Ftehim. Abbażi ta' dak l-eżami, ir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u tal-Ġappun, fit-28 summit bejn l-UE u l-Ġappun (f'Mejju 2022), impenjaw ruħhom li jikkunsidraw it-tnedija tan-negozjati meħtieġa għal tali inklużjoni ([4]).

4. Kif ġie kkjarifikat mit-titolu tagħha, l-objettiv tar-Rakkomandazzjoni huwa li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Ġappun bil-ħsieb li tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-flussi ta' *data* fil-Ftehim.

5. L-Opinjoni preżenti tal-EDPS hija maħruġa bi tweġiba għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2022, skont l-Artikolu 42(1) tal-EUDPR ([5]).

## 5. KONKLUŻJONIJIET

17. Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, l-EDPS jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(1) li jiġu spjegati fid-dettall, fi premessa, ir-raġunijiet għalfejn, minkejja d-Deċiżjoni ta' Adegwatezza, jitqiesu meħtieġa negozjati ulterjuri dwar flussi transfruntiera ta' *data*;

(2) li jiġi kkjarifikat, fid-direttivi ta' negozjati inklużi fl-anness għar-Rakkomandazzjoni, li r-regoli nnegozjati ma għandhomx jipprevjenu lill-UE jew lill-Istati Membri milli jimponu fuq il-kontrolluri u l-proċessuri, f'każijiet debitament ġustifikati, li jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE; u

(3) li ssir referenza għall-konsultazzjoni tal-EDPS fi premessa.

Brussell, id-9 ta' Awwissu 2022.

p.o. Leonardo CERVERA NAVAS

Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI

---

([4]) Premessa 2 tar-Rakkomandazzjoni.

([5]) Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.).

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

(2022/C 426/09)

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, il-Ministeru għall-Ambjent b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal kunsens minn qabel għal proposta biex jiġi stabbilit is-sit ta' estrazzjoni Doubrava u Orlové I għat-tħaddim tad-depożitu tal-gass naturali assoċjat mas-saff tal-faħam Důl Doubrava (numru ta' reġistrazzjoni tad-depożitu 070100). L-applikazzjoni tirrigwarda żona poligonali ta' madwar 9,537211 $km^2$. Iż-żona tinsab fiż-żona katastali tal-muniċipalitajiet ta' Horní Lutyně, Doubrava u Orlové, Karviná-Doly, Orlová u Poruba u Orlové fir-Reġjun ta' Moravia-Silesia (il-Grigal tar-Repubblika Ċeka).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fit-titolu u għat-Taqsima 24 tal-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat, il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jistieden lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati li jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni (entitajiet kontraenti) biex jissottomettu applikazzjoni kompetittiva għal kunsens minn qabel biex jiġi stabbilit sit ta' estrazzjoni fiż-żona delinjata hawn fuq.

L-awtorità kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni hija l-Ministeru għall-Ambjent. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva huma stabbiliti bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni Ċeka fl-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul id-90-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ambjent fl-indirizz li ġej:

RNDr. Martin Holý
ředitel odboru geologie
Ministerstvo životního prostředí
Vršovická 65
100 10 Praha 10
IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati. Se tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq talba mid-dipartiment tal-ġeoloġija tal-Ministeru permezz tal-indirizz elettroniku martin.holy@mzp.cz.

*ANNESS*

# Żona Speċjali tal-Estrazzjoni Proposta ta' Doubrava u Orlové I




**LISTA TA' KOORDINATI**

(Netwerk Trigonometriku Katastali Uniformi)

| punt Nru | Y | X |
|---|---|---|
| 112 | 460084.49 | 1101421.36 |
| 139 | 459306.48 | 1098428.09 |
| 140b | 456062.59 | 1099174.27 |
| 141c | 456947.10 | 1101906.54 |
| 121a | 458079.94 | 1101616.47 |
| 114 | 459746.03 | 1101542.99 |
| 113 | 459720.00 | 1101450.00 |

M 1:18 000

(Estratt mill-mappa definittiva [ZM] 15-441)

- il-konfini taż-żoni tal-estrazzjoni
- Il-konfini taż-Żona Speċjali tal-Estrazzjoni Proposta ta' Doubrava u Orlové I
- il-konfini taż-żoni katastali
- xaftijiet

**Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi**

(2022/C 426/10)

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, il-Ministeru għall-Ambjent b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal kunsens minn qabel għal proposta biex jiġi stabbilit is-sit ta' estrazzjoni Lazy I għat-tħaddim tad-depożitu tal-gass naturali assoċjat mas-saff tal-faħam Důl Lazy (numru ta' reġistrazzjoni tad-depożitu 070700). L-applikazzjoni tirrigwarda żona poligonali ta' madwar 6,066913 km$^2$. Iż-żona tinsab fiż-żona katastali tal-muniċipalitajiet ta' Orlová, Lazy u Orlové u Karviná-Doly fir-Reġjun ta' Moravia-Silesia (il-Grigal tar-Repubblika Ċeka).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fit-titolu u għat-Taqsima 24 tal-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat, il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jistieden lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati li jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni (entitajiet kontraenti) biex jissottomettu applikazzjoni kompetittiva għal kunsens minn qabel biex jiġi stabbilit sit ta' estrazzjoni fiż-żona delinjata hawn fuq.

L-awtorità kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni hija l-Ministeru għall-Ambjent. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva huma stabbiliti bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni Ċeka fl-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul id-90-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ambjent fl-indirizz li ġej:

RNDr. Martin Holý
ředitel odboru geologie
Ministerstvo životního prostředí
Vršovická 65
100 10 Praha 10
IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati. Se tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq talba mid-dipartiment tal-ġeoloġija tal-Ministeru permezz tal-indirizz elettroniku martin.holy@mzp.cz.

*ANNESS*

## Żona Speċjali tal-Estrazzjoni Proposta ta’ Lazy I




**LISTA TA’ KOORDINATI**
(Netwerk Trigonometriku Katastali Uniformi)

| punt Nru | Y | X |
|---|---|---|
| 121a | 458079.94 | 1101616.47 |
| 122a | 457720.26 | 1102967.09 |
| 125 | 457850.00 | 1104250.00 |
| 127 | 458095.30 | 1104175.86 |
| 128 | 458850.00 | 1103955.00 |
| 129 | 459320.00 | 1104083.00 |
| 130 | 459790.00 | 1104025.00 |
| 131 | 460145.00 | 1104110.00 |
| 132 | 460912.00 | 1104180.00 |
| 117 | 460765.00 | 1103800.00 |
| 116 | 460260.00 | 1102900.00 |
| 115 | 459930.00 | 1102200.00 |
| 114 | 459746.03 | 1101542.99 |

M 1:18 000

(Estratt mill-mappa definittiva [ZM] 15-441)



**Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi**

(2022/C 426/11)

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, il-Ministeru għall-Ambjent b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal kunsens minn qabel għal proposta biex jiġi stabbilit is-sit ta' estrazzjoni Stonava I għat-tħaddim tad-depożitu tal-gass naturali assoċjat mas-saff tal-faħam Důl 9.květen (numru ta' reġistrazzjoni tad-depożitu 070200). L-applikazzjoni tirrigwarda żona poligonali ta' madwar 11,507524 km$^2$. Iż-żona tinsab fiż-żona katastali tal-muniċipalitajiet ta' Karviná-Doly, Stonava, Albrechtice u Českého Těšína u Horní Suchá fir-Reġjun ta' Moravia-Silesia (il-Grigal tar-Repubblika Ċeka).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fit-titolu u għat-Taqsima 24 tal-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat, il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jistieden lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati li jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni (entitajiet kontraenti) biex jissottomettu applikazzjoni kompetittiva għal kunsens minn qabel biex jiġi stabbilit sit ta' estrazzjoni fiż-żona delinjata hawn fuq.

L-awtorità kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni hija l-Ministeru għall-Ambjent. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva huma stabbiliti bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni Ċeka fl-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat.

L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul id-90-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ambjent fl-indirizz li ġej:

RNDr. Martin Holý
ředitel odboru geologie
Ministerstvo životního prostředí
Vršovická 65
100 10 Praha 10
IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati. Se tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq talba mid-dipartiment tal-ġeoloġija tal-Ministeru permezz tal-indirizz elettroniku martin.holy@mzp.cz.

*ANNESS*

## Żona Speċjali tal-Estrazzjoni ta' Proposta ta' Stonava I




**LISTA TA' KOORDINATI**

(Netwerk Trigonometriku Katastali Uniformi)

| punt Nru | Y | X |
|---|---|---|
| 150 | 455616.40 | 1104288.00 |
| 155a | 453416.10 | 1104805.20 |
| 159 | 453220.00 | 1106650.00 |
| 158 | 453170.00 | 1109000.00 |
| 157 | 456149.20 | 1108511.20 |
| 153a | 455899.70 | 1105216.50 |

M 1:27 000

(Estratt mill-mapep definittivi [ZM] 15-441, 15-442, 15-443, 15-444)

il-konfini taż-żoni tal-estrazzjoni

Il-konfini taż-Żona Speċjali tal-Estrazzjoni Proposta ta' Stonava I (ZDP)

il-konfini taż-żoni katastali

xaftijiet

**RETTIFIKA**

**Rettifika għal Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: — 2,00 % fl-1 ta' Novembru 2022 — Rata tal-kambju tal-euro**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 421 tal-4 ta' Novembru 2022)*

(2022/C 426/12)

Fil-qoxra, u f'paġna 52, fit-titolu,

*minflok:* "2,00 % fl-1 ta' Novembru 2022",

*aqra:* "1,25 % fl-1 ta' Novembru 2022 ".

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT